# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 1046/18 MH**

**Illum, 23 ta' Lulju, 2018**

**Sharon Rose Roche nee' Bellamy u Dr. Noel Bartolo u PL Jeremy Buttigieg li b' permezz ta' nota' tar-Registru Attur tal-Qrati Civili u Tribunali datata 12 ta' Gunju, 2017 gew nominati kuraturi ad litem sabiex jirrapprezentaw lil binha minuri Kaden Mario Roche u b' digriet tas-27 ta' Ottubru 2017 il-Prokuratur Legali gie sostitwit bil-PL Helen Valenzia.**

**Vs**

1. **Direttur Tad-Dipartiment Ghall-Istandards Fil-Harsien Socjali; U**
2. **L-Avukat Generali**
3. **Dr Jean Paul Grech li gie kjamat in kawza b' verbal tas-6 ta' Lulju, 2018, bhala mandatarju tal-imsiefer Michael Dean Roche**

Rat ir-rikors data 27 ta' Gunju, 2018[1]

*"Illi l-esponenti għandha interess li jitħarsu l-jeddijiet tagħha;*

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tagħha, tixtieq iżomm lill-intimata milli:*

***Jesegwixxi ritorn tat-tifel minuri Kayden Mario iben komuni tar-rikorrenti u Dean Michael Roche kif ukoll li jagħmlu arranġamenti pratiċi għar-ritorn tat-tifel minturi lejn ir-Renju Unit u dana kif ordnat mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015 fil-proċedura istitwita permezz tar-rikors numru 10/2015 PC fl-ismijiet "Direttur tad-Dipartiment Għall-Isntandards fil-Ħarsien Soċjali vs Sharon Rose Roche mnee' Bellamy" deċiża fl-ewwel lok favorevolment favur l-esponenti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) kif kostitwita bħala Qorti tal-Familja fl-24 ta' Lulju 2015 li rrovexxjat l-istess sentenza***

*u dan peress illi l-esponenti ghandu interess illi jikkawtela u jqiegħed fiż-żgur l-interessi tiegħu fil-konfront tal-intimati;*

*Il-motivi tal-preżenti talba huma msejsa fuq il-fatt:*

*Illi dan il-mandat qiegħed jiġi intavolat fuq l-iskorta tal-Interim Measures mogħtija mil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tas-26 ta' Ġunju 2018 fl-atti tal-***Petizzjoni numru 29814/18 Roche v. Malta** *(Interim Measure annessa u mmarkata "Dok. A").*

*Illi fit-23 ta' Marzu 2018 l-esponenti intavolat mandat ta' inibizzjoni fl-atti tal-kawża odjerna liema mandat ġie miċħud fil-21 ta' Mejju 2018.*

*Illi inter alia din l-Onorabbli Qorti ċaħdet it-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni a bażi tal-fatt illi f'dak il-mument kien hemm diġa in vigore mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati (mandat ta' inibizzjoni numru 16/2017MV) li l-*

[1] Fol. 1

*effet tiegħu kien propju dak li jinibbbixxi lill-intimati milli jesegwixxi r-ritorn tal-minuri Kaden Mario. Fid-dawl ta' dan dina l-Onorabbli Qorti ikkonkludiet li ma kinx hemm riskju konkret illi l-esponenti u binha sejrin isofru xi ħsara u ma kinx hemm ħtieġa ta' mandat ta' inibizzjoni ieħor fuq l-istess materja.*

*Illi sussegwentament fil-21 ta' Ġunju 2018 il-mandat (numru 16/2017MV) ġie revokat wara talba għar-revoka mid-Direttur intimat.*

*Illi għalhekk jeżistu bdil fiċ-ċirkostanzi mid-data tad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tal-21 ta' Mejju 2018 sal-lum stante li illum il-ġurnata ma hemm l-ebda mandat ta' inibizzjoni in vigore, u m'hemm xejn xi jżomm lid-Direttur intimata milli tesegwixxi s-sentenza tat-30 ta' Ottibru 2105 li ordnat ir-ritorn li tirrendi intuli u bla ebda skop il-proċeduri pendenti quddiem din il-Qorti fejn qed jiġi allegat ksur serju tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti u tal-minuri.*

*Illi għalkemm fil-preżent jeżisti in vigore l-Interim Measure sureferit, liema Interim Measure qiegħed jordna lill-Gvern Malti sabiex jiddeżisti milli jirritorna lill-minuri, dan l-Interim Measure għandu effett sat-2 ta' Lulju 2018 u dana peress illi jidher illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem wara li ssuġġeriet hija stess it-talba għal ħruġ tal-mandat odjern qed tistenna li jiġi deċiż dan il-mandat fl-affermattiv sabiex ma jkolliex għalfejn tipproċedi testendi l-Interim Measure għal perjodu indefenittiv.*

*Illi in sinteżi t-talba għall-ħruġ ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni hija imsejsa fuq is-segwenti:*

1. *Il-minuri Kaden Mario qiegħed jaffaċċja riskju imminenti ta' ħsara psikoloġika u dan kontra d-dettami tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u dana f'każ li jiġi sfurzat ir-ritorn tiegħu lejn l-Ingilterra. Il-minuri illum il-ġurnata ilhu jgħix ġewwa Għawdex aktar milli ilhu jgħix ġewwa l-Ingilterra. Il-minuri sejjer jagħlaq erba' snin*

*ġewwa dawn il-gżejjer liema snin huma l-aktar formattivi għalih. L-aħjar interess tal-minuri huwa propju dak li jibqa' jirrisjedi ġewwa Għawdex meta wieħed jikkonsidera, l-eta tal-minuri, ż-żmien li ilhu jgħix ġewwa Għawdex u kif ukoll il-fatt illi huwa addatta tajjeb ferm soċjalment u kif ukoll fil-familja tiegħu ġewwa Għawdex.*

2. *Ir-rikkorenti tagħmel referenza ampja għal-każ tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet "***Neulinger and Shuruk v Swizerland***"[2] u każijiet oħrajn fejn ġie applikat l-istess prinċipju fejn ġie stabbilit illi l-Qorti li teżamina jekk hemmx ksur ta' drittijiet fundamentali hija kompetenti li teżamina jekk il-qrati tal-pajjiż, filwaqt li applikaw u interpretaw id-disposizzjonijiet rilevanti tal-konvenzjoni, assigurawx il-garanziji li joħorġu mill-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet Fundamentali, u b'mod partikulari jekk ħadux in-konsiderazzjoni l-aħjar interess tal-minuri[3].*

3. *Fil-każ ta' "***Sneersone and Kampanella v. Italy***"[4] il-Qorti ġiet preżentat b'rapport psikoloġiku li jikkonkludi li l-minuri "is suffering psychological stress and anxiety in connection with his potential return to Italy" u fid-dawl ta' dan il-Qorti ikkonkludiet li "That cannot but have a significant impact on the applicants' enjoyment of their family life. Furthermore, the Court has more than once found that an order for return, even if it has not been enforced, in itself constitutes an interference with the right to respect for family life (see, for example, Neulinger and Shuruk, cited above, §§ 90- 91, and Lipkowsky and McCormack v. Germany (dec.), no. 26755/10, 18*

---

[2] (Application no. 41615/07) Sentenza tas- 6 Lulju, 2010

[3] "141. It is not the Court's task to take the place of the competent authorities in examining whether there would be a grave risk that the child would be exposed to psychological harm, within the meaning of Article 13 of the Hague Convention, if he returned to Israel. However, the Court is competent to ascertain whether the domestic courts, in applying and interpreting the provisions of that convention, secured the guarantees set forth in Article 8 of the Convention, particularly taking into account the child's best interests." Neulinger and Shuruk v Swizerland Ibid.

[4] (Application no. 14737/09) 12 ta' Lulju 2011 supra.

*January 2011). In the present case there are no reasons requiring a departure from that approach."*

4. *Illi l-omm li hija il-"primary carer" tal-minuri, ma għandha l-ebda konnessjoni ma' l-Ingilterra fejn la għandha residenza, la għandha familja, la għandha xogħol f'dak il-pajjiż u ma għandha l-ebda kuntatti hemmhekk. Din hija l-istess sitwazzjoni li kienet preżenti fil-każ sureferit ta'* ***Neurlinger.***[5]

5. *Illi l-każ ta'* ***"X. V. Latvia"***[6]*, ukoll kellu fattispeċi simili għal każ odjern fejn il-Qorti tat importanza kbira lir-rapport psikoloġiċi li jirrigwardaw it-tawma li l-minuri kien sejjer isofri li kieku kellu jiġi ritornat ġewwa l-pajjiż ta' oriġini tiegħu.*

6. *Huwa bażilari li l-interess tal-minrui jiddetta li l-istess minuri jevita diffikultajiet li sejjer jiffaċċa flimkien ma' ommu ġewwa l-Ingilterra. Wieħed irid ikun konxju li l-minuri huwa ċittadin Malti, jitkellem bil-Malti, addatta*

---

[5] "144. It would thus seem that in the view of the domestic courts and experts, Noam's return could only be envisaged with his mother, in any event. Even the Federal Court, the only domestic court to have ordered the child's return, based its decision on the consideration that as there were no grounds objectively justifying the mother's refusal to return to Israel, she could reasonably be expected to return to that country with her child. It must therefore be determined whether this conclusion is compatible with Article 8, that is to say whether the forced return of the child accompanied by his mother, even though she seems to have ruled out this possibility, would represent a proportionate interference with the right of each of the applicants to respect for their family life." Neulinger and Shuruk v Swizerland ibid.

Ara wkoll "Sneersone and Kampala vs Italy" (Application no. 14737/09) 12 ta' Lulju 2011 supra: "), that his separation from his mother would adversely affect his development and might create neurotic problems, illnesses or both (paragraph 19), and that strong ties had formed between Marko and his mother (paragraph 22). In addition, in their observations before this Court the applicants indicated that the first applicant was unable to accompany the child to Italy, since she did not have sufficient financial means to reside there and was essentially unemployable, since she did not know any Italian, and that the child and his father had no language in common, had never lived together without the mother, and had not seen each other for more than three years at the time when the Rome Court of Appeal dismissed the first applicant's appeal against the decision of 21 April 2008 (see also Neulinger and Shuruk, cited above, § 150).. . . .
"95. The Italian courts did not refer to the two psychologists' reports that had been drawn up in Latvia pursuant to requests from the applicants' representative and then relied upon by the Latvian courts. Neither did the Italian courts refer to the potential dangers to Marko's psychological health that had been identified in those reports. Had those courts considered the reports unreliable, they certainly had the opportunity to request a report from a psychologist of their own choosing. However, that was not done either. As to the residence that Marko's father proposed as his accommodation after his return to Italy, no effort was made by any Italian authorities to establish whether it was suitable as a home for a young child. The house was not inspected, either by the courts or by another person of their choosing. Those conditions, taken cumulatively, leave the Court unpersuaded that the Italian courts sufficiently appreciated the seriousness of the difficulties which Marko was likely to encounter in Italy (see Neulinger and Shuruk, cited above, § 146, with further references). "

[6] Application No. 27853/09.

*tajjeb ħafna ġewwa Għawdex kemm f'dak li jirrigwarda l-familja kbira li għandu ġewwa Għawdex u kif ukoll fejn tidħol l-edukazzjoni tiegħu kif ukoll għanduu bosta ħbieb u huwa involute f'bosta attivtajiet extra-kurrikulari. Jekk jiġi maqlugħ minn dan l-ambjent żgur li sejjer iħalli impatt negattiv irrimedjabbli u dan anke fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi tal-qrati Maltin u kif ukoll diversi rapporti psikoloġiċi li diġa ġew esebiti fl-atti ta' din il-kawża.*

7. *Di piu, hemm ukoll riskju li jittieħdu procedure kriminali fil-konfront tal-omm f'każ illi hija jkollha tirritorna flimkienn mal-minuri ġewwa l-Ingilterra.*

8. *Illi l-missier mhux kapaċi li jieħu ħsieb lil minuri. Il-missier li jaħdem fl-industrija tal-alkoħol għandu problema serja tax-xorb. Huwa b'mod frekwenti jispiċċa fi stat qawwi ta' sokor. Kien hemm diversi inċidenti ta' vjolenza da parti tal-missier fuq uliedu.*

9. *Illi l-missier saħansitra għandu tifla li qatt ma għamel kuntatt magħha kemm ilha ħajja. Missier idonju ma jabbandunax lil uliedu.*

10. *Di piu l-missier ma weriex interess fil-minuri u fl-erba' snin li l-minuri ilhu jgħix ġewwa Għawdex, il-missier indenja ruħu li jinvista lil ibnu ftit drabi u dan biss meta l-preżenza tiegħu kienet meħtieġa waqt il-kawża ta' separazzjoni li hemm bejn il-kontendenti.*

11. *Illi kemm il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja fil-proċeduri tar-ritorn u fil-kawża tas-separazzjoni, u kif ukoll l-esperti maħtura mil-Qorti u kif ukoll dawk ex parte ikkonkludew illi l-aħjar interess tat-tifel huwa dak li jibqa' jgħix ġewwa Għawdex u jkun*

*hemm ħsara psikoloġika fuq l-istess minuri u anke fuq ommu fil-każ li l-istess minuri jiġi rilokat ġewwa l-Ingilterra:*

**A. Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja fis-sentenza tagħHa tal-24 ta' Lulju 2015 fl-ismijiet Direttur għal-Istandards tal-Ħarsien Soċjali vs Sharon Rose Roche (Rikors Ġuramentat numru 10/2015PC), mogħtija mil-Maġistrat Dr. Paul Coppini ikkonludiet li kienet:**

> *"satisfied that, after taking into consideration all the circumstances of the case, it has been established that there is a grave risk that the minor child' return to England would expose him to psychoilogical harm and also place fim in an intilerable siuttiation as contemplated in Article 13(b) of the Hague Convention."*

**B. Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja fis-sentenz tagħHa tal-21 ta' Frar 2017 fl-ismijiet Sharon Rose nee Bellamy vs Dean Michael Roche (Rikors Ġuramentat numru 12/2015JVC) mogħtija mil-Maġistrat Dr. Joanne Vella Cuschieri, "after having seen all the evidence including affidavits, viva voce witnesses both in examination and in cross examination, various cross-examinations through SKYPE, the attached files, various documents and all the acts in this case" għamlet diversi osservazzjonijiet u konklużjonijiet relevanti għal ħruġ ta' dan il-mandat:**

i. *"With regards to the rest of the allegations the Court, after having assessed all the evidence and after having witnessed both parties giving evidence in front of her on various occasions, is convinced that the version given by plaintiff as to how life was between the parties*

*prior to the breakdown of marriage is by far more credible than the one given by defendant."*

ii. *"From all this the Court concludes that the main reason for the breakdown of the marriage was defendant's abusive attitude (both morally and physically) towards his wife especially in the privacy of their home which attitude somehow became more evident once the baby was born and defendant's pub going and increase in alcohol consumption with the result that he became more abusive both verbally and physically towards his wife, so much so that she felt that she had to defend herself and her son by withdrawing into the bedroom by 7.00p.m. every night."*

iii. *"This Court will not go into the merits of whether or not plaintiff was legally right in coming to Gozo and staying here with the minor as by doing so Court would be going into the merits of judgements already given on the matter by other Courts. However, this Court has lived these separation proceedings from their beginning and is convinced, after again emphasising hearing both parties give evidence in front of her, that the best decision concerning the child is that he lives with his mother surrounding by an extended family that helps him feel loved and welcome both at home and outside. The child is now settled in Gozo and this situation has persisted for at least two and a half years."*

iv. *"Forcing the child to go back to live in the United Kingdom, even if with his mother, away from the life he has been used to for these last two and a half years (from the age of three onwards) which years are considered to be very formative for children of such young age* ***would***

***be outright injustice against the child and would definitely not be in his best interest***[7]*.”*

v. *“Should the child and the mother be forced to go live in the United Kingdom this would also mean that they would be forced to go back to a secluded life as the one they had to endure before the breakdown of the marriage this especially due to the fact that the mother has no support in the United Kingdom.”*

vi. *“Court is convinced that should it grant care a custody to the father, it will not be the father raising the child but probably his relatives such as his mother and sister. This due to his heavy work commitment which appear to take first hand importance over and above everything else in his life including work meetings overnight seasoned by his habit of going to the pub for a ‘drink’ on various nights of the week.”*

vii. *“In two and a half years defendant managed to visit his child only a few number of times that can be added on one hand with the excuse of his work commitments. This proves to this Court that he does not have the will nor the attitude to put his child’s best interest to the forefront and this conflicts with plaintiff’s attitude throughout these proceedings in making her utmost to safeguard her child’s best interest.”*

viii. *“Court is convinced that defendant’s insistence on taking the child back to the United Kingdom is fuelled by his sense of ‘vendetta’ and not because he truly believes that it is in the best interest of his son.”*

ix. *“This Court also cannot rule out other incidents wherein defendant may be violent towards his children and does also towards Kaden since it has been provided with ample evidence that this has already happened with his daughters.”*

[7] Emfasi tal-Qorti

**C. *Fil-Psychological Report ta' Dr. Carly Aquilina, B.Psy(Hons.) M.Psy (Couns) DPsych datat 12 ta' April 2015 li ġiet maħtura bħala espert mil-Qorti stess fil-kawża ta' separazzjoni ta' bejn il-kontendenti ikkonkludiet is-segwenti:***

*i. "In conclusion, Kaden and his mother Sharon enjoy a strong bond that has been fostered by attuned parenting from Sharon's part."*

*ii. "Kaden appears happier in Gozo than in the UK and currently has regular contact with Sharon and extended family."*

*iii. It is recommended that Kaden remain in Gozo with his mother in order to ensure his wellbeing and reduce his risk of harm."*

*iv. "I am unsure how Dean would practically be able to manage caring for a young child, particularly given his drinking."*

**D. *F'Psychological Report ieħor ta' Dr Carly Aquilina, B.Psy(Hons.) M.Psy (Couns) DPsych datat 30 ta' Mejju 2017 mħejji fuq talba tar-rikorrenti, il-psikologa għamlet diversi osservazzjonijiet dwar jekk il-minuri Kaden Mario "would suffer from 'a grave risk of psychological harm' and an 'intolerable situation' if returned to the UK" u dwar "the*** **chances of him adapting to the potential new environment (the UK)** ***without suffering any consequences" fejn ikkonkludiet illi:***

*i. "Kaden is used to residing in Gozo and has clearly adjusted well to the move."*

*ii. "If Kaden were to relocate to the UK there would be a potential 'grave risk of psychological harm.' He would also be in a potentially 'intolerable situation' given that Sharon would likely be under a significant amount of stress (financially and due to lower psychosocial support) which could affect her ability to parent Kaden".*

iii. *"Kaden would also miss out on the frequent contact he has with his grandparents which could have an effect on his functioning and wellbeing".*

iv. *"Dean's lack of response to requests for psychological interview is concerning and Dean's lack of response to requests for psychological interview is concerning and results in a query as to the level of motivation for contact with his son as well as to the reasons for his lack of response."*

v. *"If Sharon were to move to the UK she would be more stressed as she would need to adjust to less family support, higher potential rent/mortgage costs and changes in her employment. These difficulties would undoubtedly also indirectly stress Kaden who would be more likely to experience stress, having deleterious effects on his future functioning (Centre for the Developing Child, Harvard)."*

**E. *F'Psychological Report ta' Maria Grech Brincat Pscy. Assistant Registered Psychotherapist datat 7 ta' April 2015, saru dawn l-osservazzjonijiet:***

i. *"overall, Kaden has a good family life here in Gozo and he is well supported emotionally and psychologically by his mother, grandparents and friends. He also has settled well at school."*

ii. *"He is developing into a very happy, friendly and jolly youngster."*

iii. *"It is not advisable that Kaden should be returned back to England."*

iv. *"The Child would suffer psychological and emotional difficulties if he is taken away from his mother"*

**F. *F'Psychological Report ta' Rev. Joseph Farrugia S.Th.L., Psy D, Clinical Psychologist datat 25 ta' Marzu 2015, saru dawn l-osservazzjonijiet:***

i. *"The child seems to have become accustomed to life in Malta. He is performing greatly at school and is bonding with several people."*
ii. *"At the same time, apparently his father never developed a positive attachment with his child."*
iii. *"The fact that Mr. Dean Roche has drinking problem, could put at risk the child's safety."*

*Illi għalhekk, ir-rikorrenti għandha kull interess illi tikkawtela d-drittijiet tagħha billi l-intimat ma jitħalliex jesegwixxi r-ritorn tat-tifel minuri Kayden Mario iben komuni tar-rikorrenti u Dean Michael Roche kif ukoll li jagħmel arranġamenti prattiċi għar-ritorn tat-tifel minturi lejn ir-Renju Ujnit u dana kif ordnat mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015 fil-proċedura istitwita permezz tar-rikors numru 10/2015 PC fl-ismijiet "Direttur tad-Dipartiment Għall-Isntandards fil-Ħarsien Soċjali vs Sharon Rose Roche mnee' Bellamy" deċiża fl-ewwel lok favorevolment favur l-esponenti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) kif kostitwita bħala Qorti tal-Familja fl-24 ta' Lulju 2015 li rrovexxjat l-istess sentenza u dan biex ma jiġux b'xi mod preġudikati irrimedjabbilment id-drittijijiet tar-rikorrenti;*

*Illi għalhekk u għall-motivi supra espresso u għal oħrajn li jafu jinsorġu fit-trattazzjoni ta' dan il-mandat, ir-rikorrenti għandu kull interess li titlob li jinhareg dan il-mandat b'effett immedjat u li jiġi applikat dak misjub fl-Artikolu 875(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi l-esponenti se jiġi ppreġudikat jekk l-intimat ma jiġix inibit kif ingħad;*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobHa tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżomm lill-intimata milli tkompli tagħmel il-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija."*

Rat ir-risposta ta' l-intimat Direttur Għall-Istandards Fil-Ħasien Soċjali u L-Avukat Generali[8].

*"Illi din it-tweġiba qed issir b'ħarsien tad-digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti nhar is-27 ta' Ġunju 2018.*

*Illi permezz tar-rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, ir-rikorrenti qed titlob lil dina l-Onorabbli Qorti tinibixxi lill-intimati milli 'Jesegwixxu r-ritorn tat-tifel munuri Kayden Mario iben komuni tar-rikorrenti u Dean Michael Roche kif ukoll li jaghmlu arrangamenti prattici ghar-ritorn tat-tifel minuri lejn ir-Renju Unit u dana kif ordnat mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015 fil-procedura istitwita permezz ta' rikors numru 10/2015PC fl-ismijiet 'Direttur tad-Dipartiment Ghall-Istandards fil-Harsien Socjali vs Sharon Roche nee Bellamy' deciza fl-ewwel lok u favorevolment favur l-esponenti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) kif kostitwita bhala Qorti tal-Familja fl-24 ta' Lulju 2015 li rrovexxjat l-istess sentenza'.*

*Illi preliminarjament, l-esponenti umilment jirrilevaw li nonostante li Dean Michael Roche huwa parti fil-kawża de quo wara li ntlaqat l-eċċezzjoni tal-esponenti fit-2 ta' Marzu 2018 sabiex jiġi kjamat in kawża, jidher illi r-rikorrenti naqset milli tinnotifikah bil-mandat odjern u għaldaqstant il-ġudizzju m'huwiex wieħed integru.*

[8] Fol 20

*Illi in linea preliminari wkoll u mingħajr ħsara għal premess,* l-esponenti *jissottometu li r-*rikorrenti *Roche ma tistax tagħmel talba sabiex il-*minuri *ma jiġix ritornat lura lejn ir-*Renju Unit *u ssejjes l-istess fuq il-*fatt *li m'huwiex fl-interess tal-minuri. Dan qiegħed jingħad stante li kif degretat din l-*Onorabbli *Qorti stess fid-9 ta' Ġunju 2017 hemm 'konflitt bejn l-interess ta' l-omm il-minuri' u kien għalhekk li din l-Onorabbli Qorti ordnat li '*l-kuraturi tal-minuri *jigu nominati mill-lista apposita tal-kuraturi'.*

*Illi in vena preliminari u mingħajr preġudizzju għal premess,* l-esponenti *jeċċepixxu li l-mandat de quo huwa wieħed iritu, nul u abbużiv stante li dak li qiegħed jintalab f'dan il-mandat diġa intalab permezz tal-Mandat t'Inibizzjoni 477/2018 fl-ismijiet premessi. Illi proprju din l-Onorabli Qorti fil-kompetenza tagħha ordinarja diġa tat digriet fil-21 ta' Mejju 2018 u a contrario ta' dak* allegat *mir-rikorrenti m'hemm xejn ġdid li din l-Onorabbli Qorti għandha tannaliża. Xejn mhu minnu li din l-Onorabbli Qorti caħdet it-*talba solament *fuq il-*fatt *li kien hemm mandati oħra in vigore meta tat dak id-digriet, għalkemm saret referenza għal dak il-*fatt *fid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti, iżda t-*talba *ġiet miċħuda għaliex fl-ewwel lok huwa inawdit li sentenza li marret in ġudikat tiġi mwaqqfa b'mandat u fit-tieni lok għaliex l-intimati qegħdin ibgħatu preġudizzju akbar minn dak tar-*rikorrenti.

*Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-*suespost, *l-esponenti jissottometu li t-*talba *tar-*rikorrenti *għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni hija nfondata fil-*fatt *u fid-dritt kif ser jiġi muri.*

***Ir-rekwiżiti legali sabiex ikun jista' jinhareg mandat ta' inibizzjoni***

*Illi l-***Artikolu 873 (1)** *u* ***(2)*** *tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi illi:*

> *"(1) L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-*persuna li qed titlob il-*mandat.*
>
> *(2) Il-Qorti* ***m'ghandhiex*** *tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mahndat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet".*

*Illi gie wkoll ritenut illi mandat ta' inibizzjoni:*

> *"huwa mezz eccezzjonali u mhux normali ta' provediment legali u l-*harsien li *l-ligi timmira ghalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu* ***jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli*** *... It-tiftix li trid taghmel il-Qorti huwa jekk, bl-ghamil li minnu qieghed jibza r-rikorrenti,* ***jistax jintilef darba ghal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li ghandu*** *filwaqt li hareg it-talba ghall-hrug tal-Mandat" [enfasi mizjuda mill-esponenti] (**Charles Mugliett vs Saviour Bonnici**, Prim Awla tal-Qorti Civili deciza fil-25 ta' Jannar 2005;* ***Angelo Xuereb vs Marin Hili****, Qorti tal-Kummerc, Rikors numru 3135/94 deciza fit-22 ta' Settembru 1995).*

*L-esponenti tirrileva illi sabiex jinhareg Mandat ta' Inibizzjoni, il-Qorti ghandha ai termini tal-Artikolu 873 (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta tkun sodisfatta illi (a) tali hrug huwa mehtieg sabiex jigu mharsa jeddijiet tar-rikorrenti u (b) li prima facie ir-rikorrenti ghandu dawk il-jeddijiet.*

*L-esponenti jirreferi wkoll ghall-provvediment fl-ismijiet* ***Dr Michelle Tabone et vs Verdala Mansions Limited et*** *(Mandat ta' Inibizzjoni numru 989/07FS) moghti mill-Prim'Awla, Qorti Civili fis-16 ta' Lulju 2007 fejn gie osservat illi:*

*"**<u>Ir-rekwiziti</u>** essenzjali biex il-Qorti tordna l-Mandat ta' Inibizzjoni huma li:*

*I. Il-Qorti m'ghandhiex tohrog mandat bhal dak jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent [DANNI IRRIMEDJABBLI LI JINNECESSITA RIMEDJU ADEGWABBLI];*
*II. Il-Qorti trid tkun sodisfatta li dak IR-RIKORRENT* ***PRIMA FACIE*** *JIDHER LI GHANDU DAWK IL-JEDDIJIET'.*

*Illi l-ligi thares il-'jedd' prima facie, bhala rekwizit mehtieg ghall-hrug tal-Mandat. L-esponenti jirrilevaw illi wiehed irid jaghraf li l-jedd li jehtieg jithares mhux bizzejjed li jkun semplici diffikulta, disagju jew thassib (**L-Avukat Dottor John Ludvic Gauci noe vs Id-Direttur tal-Kuntratti** – Mandat numru 976/08JRM).*

*Illi l-htiega ghall-hrug ta' Mandat bhal dan tintrabat sewwa mal-fatt jew il-hsara li minnha l-parti tar-rikorrenti tilmenta sabiex tkun wahda li ma tistax tissewwa mod iehor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitnehha imqar b'decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu jigi nieqes it-tieni element ghall-hrug tal-mandat. Hija gurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrani li t-tielet rekwizit ghall-hrug tal-mandat (cioe' li l-mandat ikun mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti) mhuwiex sodisfatt f'kaz illi l-pretensjoni tar-rikorrenti hija ntiza sabiex tirkupra danni. Dan ghaliex ir-rikorrenti ghandu l-ewwel nett igib prova illi l-pregudizzju li jista' jsofri huwa wiehed irrimedjabbli u li ma jistax jigi evitat hlief bil-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni.*

*L-esponenti jirreferi ghall-provvediment fl-ismijiet* ***Dr Kenneth Grima noe vs Id-Direttur Generali tal-Kuntratti*** *(Mandat ta' Inibizzjoni numru 288/2013) moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Marzu 2013 fejn gie osservat illi:*

*"Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, <u>mhux kompitu</u> ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma' jista' jew m'ghandu jippretendi li mad-"daqqa t'ghajn" ghandha tkun proprju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura <u>specjali u partikolari</u> tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa <u>limitat u cirkoskritt</u> biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta' Inibizzjoni. Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz procedurali <u>eccezzjonali.</u> Ghalhekk ma jistax jinhareg il-Mandat jekk il-hsara lamentata mir-rikorrenti tkun tista' tidi rimedjata mod iehor".*

*Illi in oltre, l-**Artikolu 873 (3)** tal-Kap. 12 jipprovdi s-segwenti:*

*(3) Il-Qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorita' jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

*L-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-Artikolu 873 tal-Kap 12 hija illi sabiex ikun jista' jinhareg il-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-Gvern jehtieg li jigi sodisfatt it-tielet element u ċioe l-element tal-proporzjonalita li r-rikorrenti ser tbgħati jekk ma jintlaqax il-mandat. Illi l-aħħar punt rigwardanti il-konsiderazzjonijiet legali huwa li jeħtieġ li l-elementi kollha rikjesti għandhom jiġu sodisfatti b'mod kumulsattiv u cioe' is-subincizi (1), (2) u (3) tal-imsemmi artikolu.*

***Mertu***

1. *Miżmuma dawn l-elementi u prinċipji kif imnissla mil-liġi u mill-ġurisprudenza, l-esponenti mingħajr tlaqliq jikkontendu li t-talba tar-rikorrenti assolutament ma hijiex mistħoqqa għaliex ma tissodisfax imqar wieħed mit-tlett elementi li huma meħtieġa ad validitatem biex ikun jista' jinħareġ il-mandat ta' inibizzjoni. Dan apparti l-konsiderazzjoni li fil-fehma tal-esponenti dan ir-rikors qed isir b'mod abbużiv għall-aħħar. Biex ma jingħadx ukoll li dan qed jintalab bl-uniku skop li jdejjaq lill-awtoritajiet governattivi u b'hekk ixekkil lill-esponenti milli teżeggwixxi dak li hija obbligata li tagħmel bil-liġi.*

2. *Illi huwa imperattiv li jiġi mill-ewwel innotat li fil-fehma tal-esponenti, ir-rikorrenti qiegħda tisgwida lil din l-Onorabbli Qorti meta tgħid li kienet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li talbet li jsir dan il-mandat. Minn qari akkurat tal-ittra datat 26 ta' Ġunju 2018 esebita mill-istess rikorrenti jinżel biċ-ċar li dak li l-Qorti Ewropea saqsiet kien biss sabiex tintbagħat informazzjoni dwar jekk kinux saru xi mandati quddiem il-Qorti Kostituzzjonali da parti tar-rikorrenti u ċioe fi kliem testwali tal-istess Qorti Ewropea – 'has the applicant instituted' – u għalhekk l-imsemmija Qorti kienet qed tirreferi proprju għal mandati li setgħu preċedew l-ittra tas-26*

*ta' Ġunju 2018 u li ċertament li fl-ebda waqt ma talbet jew ordnat lir-rikorrenti sabiex tistitwixxi xi talba għall-ħruġ ta' mandat; kliem il-Qorti Ewropea kien ċar u li ma jagħti lok għall-ebda interpretazzjoni u dan peress li l-Qorti Ewropea riedet tkun taf biss x'mandati kienu ġew istitwiti sabiex ikollha l-fatti kollha quddiemha.*

3. *Illi r-rikorrenti qiegħda tagħżel li tinjora d-digriet tal-21 ta' Mejju 2018 ta' din l-Onorabbli Qorti proprju għaliex ma kienx wieħed favorevoli għaliha u għalhekk qiegħda tagħmel attent ieħor sabiex twaqqaf lill-esponenti Direttur milli twettaq id-dmirijiet tagħha taħt ir-Regolament u l-Konvenzjoni.*

4. *Illi r-rikorrenti kienet ben konsapevoli li l-esponenti Direttur kienet prekluża li tesegwixxi dik is-sentenza fl-istadju li ġie ippreżentat dan il-mandat u dan għaliex kien hemm interim order mogħti mill-Qorti Ewropea tad-Drittijet tal-Bniedem li ordant li l-minuri ma jiġix ritornat sat-2 ta' Lulju u dan kien limitat sabiex ir-rikorrenti tipprovdi l-informazzjoni rikjesta mill-Qorti Ewropea. Sa dak l-istadju għalhekk l-ordni kienet marbuta sabiex tingħata informazzjoni u għalhekk fl-istadju li ġie ppreżentat dan il-mandat, dak li kienet qed titlob ir-rikorrenti ma kienx fil-fatt ħa jsir. Issa li ġie intavolat dan il-mandat, il-Qorti Ewropea ġedded l-ordni tiegħu sal-10 ta' Lulju sabeix jingħata informazzjoni dwar dan il-mandat.*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jissottometti li dak li jrid jiġi muri mir-rikorrenti huwa li għandha jedd li jistħoqq li jigi kkawtelat liema jedd irid ikun wieħed oġġettiv u mhux suġġettiv u ċioe' illi l-jedd irid jidher prima facie jew ma' l-ewwel daqqa ta' għajn għal fini ta' dina l-proċedura eċċezzjonali (ara* ***Grech pro et noe vs Manfre****).*

6. *Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza nostrana li l-mandat ta' inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali, allura dan għandu jirċievi interpretazzzjoni kemm jista' jkun dejqa u ristrettiva – ara d-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet,* ***Pancontinental Oil & Gas NL et vs. Il-Prim Ministru*** *deċiż fil-15 ta' Diċembru 2011. Ġeneralment il-mandat jintalab fi żmien meta l-pretensjoni għad ma tkunx ġudizzjarjament aċċertata u stabbilita (ara* ***Brittania Catering Company Limited et vs. Direttur Dipartiment tal-Artijiet et*** *mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Jannar 2009).*

7. *Fuq kollox, kif intqal ukoll mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fid-digriet tagħha tat-18 ta' Lulju 2008, in re* ***Av. Dr. John Gauci noe vs. Direttur tal-Kuntratti****, "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħil (arm twisting) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hija tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din".*

8. *Illi l-ewwel element huwa nieqes u dan għal diversi raġunijiet kif ser jiġi muri. Minn analizi tar-rikors in risposta jirrizulta illi ma hemm l-ebda jedd oġġettiv x'jigi kawtelat. Dak li effettivament qed jintalab li jsir huwa li* <u>*ma tiġix esegwita sentenza li għaddiet in ġudikat*</u> *fit-30 ta' Ottubru 2015. Illi ċertament li l-fatt illi r-rikorrenti ma taqbilx ma' l-ordni ta' ritorn tal-minuri moghtija tal-Qorti ta' l-Appell bl-ebda mod ma jiġġustifika ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni. Tabilħaqq għax ġie ordant li l-minuri jiġi ritornatt lura l-Ingilterra fejn kellu r-residenza abbitwali, ir-rikorrenti issa qed iddur*

*fuq it-tattika odjuża li tittanta twaqqaf millli tigi ezegwita s-sentenza tal-Qorti tal-Appell.*

9. *Illi fid-dawl ta' dan, l-esponenti jagħmlu referenza għad-Digriet tal-15 ta' Diċembru 2010 fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1897/2010JA fl-ismijiet* **Anita Maria Horry noe vs Direttur tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali et** *fejn fuq fatti tista' tgħid identiċi bħal f'dan il-każ fejn intalbet li titwaqqaf l-eżekuzzjoni tas-sentenza ta' ritorn ta' minuri, il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili osservat illi « Illi fil-fehma tal-Qorti, il-procedura odjerna giet istitwita biex twaqqaf l-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell imsemmija fir-rikors. Il-Qorti ghandha dubji serji kemm dan jista jsir. Ma dan kollu lill'hin minn kunsiderazzjonijiet legalistici, il-Qorti thoss ukoll illi la darba l-proceduri in kwistjoni saret b'mod tant ezawrijenti li sahansitra giet deciza fil-Qorti ta' l-Appell, ikun zball serju jekk jigu permessi proceduri illi jistultifikaw sentenza li ghaddiet in gudikat. F'kazi simili imbaghad il-Qorti tkun iddecidiet liema jkun il 'foro' indikat mil-ligijiet internazzjonali. Ghalhekk ma jkunx hemm lok ta' ftuh mill-gdid tal-proceduri ».*

10. *Illi tal-istess fehma kienet din l-Onorabbli Qorti fid-digriet tagħha tal-21 ta' Mejju 2018 fejn b'mod approfondit spjegat li sentenza li tkun marret in ġudikat m'għandhiex titwaqqaf:*

> *Da parti taghha din il-Qorti tmur oltre dan,* ***hija ghandha certezza li dan ma jistax jsir.*** *Apparti li taghmel taghha dak kollu citat mill-intimat Roche fir-risposta tieghu fir-rigward, izid lli kieku l-Qorti tasal biex taccetta t-talba tar-rikorrenti hi di mano propia tkun qeghda taqleb ta' taht fuq l-ordni guridiku kollu ta' pajjizna ghax taghti lok ghal kull abbuz possibbli ghal minn irid ixxekkel ghal kollox ezekuzzjoni ta'*

*sentenza li ghaddiet in gudikat. Dan jista jgib mieghu tfixkil serju fil-sistema legali, jqarrab lejn anarkija kontrollata minn min ghandu aktar flus x'jonfoq biex jibqa jtawwal proceduri konkluzi, aktar dewmien u incertezzi legali biex ma nghidux ukoll li jkollu impatt mhux negigibbli fuq l-ekonmija u lat socali ta' kull pajjiz demokratiku. Il-gudikat huwa l-finalita' tal-kwistjoni hemm imressqa u ma jafx eccezzjonijiet hlief dawk strettament mahsuba mill-ligi bhal ma hija l-procedura ta' ritrattazzjoni gia fiha nnifsha wahda eccezzjonali u straordinarja. Taghmel referenza ghal dak li qalet il-Prim'awla tal-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali fir-rigward ta' gudikat meta kienet qed titratta ma talba ghal ghoti ta' provediment pendente lite a fini ta' l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta biex titwaqqaf il-mixi ta' procedura quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (smiegh u trattazzjoni) sakemm tinqata kawza mressqa mir-rikorrenti fil-konfront ta' indoli Kostituzzjonali rigward is-sentenza appellata; "Illi l-Qorti tqis li, ladarba hemm sentenza, din għandha l-effett li tistabilixxi fatt aċċertat għaliex ir-regola f'kull ordinament li jissejjes fuq is-saltna tad-dritt hi li sentenza "pro veritate habetur". Tqis ukoll li sentenza tista' titwaqqa' biss b'sentenza oħra u mhux b'allegazzjoni dwar is-siwi tagħha, u sakemm ma tingħatax sentenza bħal dik, is-sentenza tibqa' tgħodd;*

*Dwar l-effet tal-gudikat u stullifikar tieghu inghad ukoll "Minghajr dubju Qorti ma tistax permezz ta sentenza li taghti, tirrendi ineffikaci l-effetti ta' sentenza ohra moghtija debitament u li ghaddiet in gudikat. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet* ***Burlington Limted v. Enemalta, deciza fis-27 ta' Gunju 2014***

*"Il-kuncett tar-res judicata huwa infatti ta' ordni u interess pubbliku – ihares ic-certezzi tad-drittjiet li gew definiti b'sentenza, ibieghed il-possibbilita` ta' sentenzi li ma jaqblux jew imorru kontra xulxin u taghlaq il-bieb ghall-kwistjonijiet li jkunu gew stabbiliti b'sentenza –* ***Galea v. Falzon, Prim' Awla –7 ta' Frar 2002).***

*"L-iskop tal-principju tar-res judicata kif inghad, hu evidenti u cioe` li l-legislatur hass li ma jistax ikun hemm stat ta' incertezza indefinita fejn jidhlu kwistjonijiet ta' drittijiet akkwiziti wara process gudizzjarju."*

*Fil-kawza* ***Gerada v. Caruana****, imsemmija mill-istess sentenza u li giet deciza fl-1973 intqal:*

*"L-effikacja guridika u socjali tal-gudikat tirrikjedi illi l-amministrazzjoni tal-gustizzja da parti tal-Qorti tal-pajjiz ma tigix imfixkla u intralcjata billi fi kwalunkwe zmien u bla ebda limiti l-parti li titlef kawza terga' tqajjem kwistjonijiet rigward taghha u terga' tiftahha."*[9]

*L-awtur ferm kwotat* ***Pothier*** *ighid dan "L-awtorita' della gudikata fa presumere vero e gusto tutto cio che si contiene nella sentenza ' res gudicata pro veritate acceptur"*

11. *Illi in vista tas-suespost, dan il-mandat m'huwa xejn għajr abbuż ċar ta' proċeduri mir-*rikorrenti *li qed tipprova tostakola u ttawwal l-eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija mill-*Qorti *tal-Appell u dan stante li kull darba li jkun possibli għad-Direttur sabiex teżegwixxi r-*ritorn, *ir-rikorrenti tippreżenta mandat ieħor u proċeduri ġodda fuq eċċezzjonijiet li marru ormai in ġudikat*

[9] **Diane Holdings Ltd et. Vs Il-Kontrollur tad-Dwana** deciza 31/10/2014 117/2008/1JA

*jew allegazzjonijiet ta' leżjoni ta' drittijiet fundamentali li jkun ġew diġa deċiżi. Tajjeb jingħad li kemm il-Qrati Ċivili kif ukoll dawk Kostituzzjonali kellhom l-opportunita jannalizaw il-proċeduri kollha u sabu li għandu jkun hemm ir-ritorn kif ukoll li l-istess ritorn m'huwiex leżiv għad-drittijiet tar-rikorrenti. Miżjud ma' dan, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ukoll saħqet li m'hemm l-ebda ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti u ta' bina taħt l-Artikolu 8 u dan kif ser jiġi muri aktar 'l isfel.*

12. *Illi ġialadarba hemm sentenza finali ġejja mill-Qorti tal-Appell, ir-rikorrenti ma tistax tippretendi li tinqeda bil-proċedura straordinarja u eċċezzzjonali tal-mandat ta' inibizzjoni biex tipprova tistultifika r-ritorn tal-minuri. Din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali annalizżaw b'mod profont l-allegat ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Dan ifisser għalhekk li l-kwistjoni ma tistax terġa tigi indagata bi proċeduri jew b'kawża ġdida. Dan sew għaliex res judicata pro veritate habetur, sew ukoll għaliex interest rei publicae ut sit finis litium (***Francesca Aquilina vs. Neg. Giuseppe Gasan,*** *Appell Kummercjlai tal-5 ta' Novembru 1934).*

13. *Illi kif ġia ġie ritenut il-Qorti Ewropea kellha l-opportunita tindaga jekk ir-ritorn tal-minuri huwiex ser jikser id-dritt tar-rikorrenti u ibinha taħt l-Artikolu 8. Fis-sentenza fl-ismijiet* **Sharon Rose Roche v. Malta** *(Appl Nru. 42825/17 u 66857/17) mogħtija fit-12 ta' Ġunju 2018 il-Qorti osservat issegwenti:*

> *Having examined the judgment of the Court of Appeal of 30 October 2015, the Court considers that the Constitutional Court made a proper assessment of the factors capable of constituting an exception to the child's immediate return and gave a reasoned decision in that respect.*

*That judgment was in line with the ratio behind Hague Convention proceedings namely to restore the status quo ante and of leaving the issues of custody and parental authority to be determined by the courts that have jurisdiction in the place of the child's habitual residence in accordance with its Article 19. There were no exceptional reasons to decide otherwise. Indeed, the Court of Appeal made an in-depth examination of the entire family situation, took account of the best interest of the child at the time and identified the failures which had occurred at first-instance. Thus, the Court considers that the Court of Appeal gave due consideration, within the scope of the Hague Convention proceedings, to the child's interests and carefully correlated them with other interests at stake. In these circumstances the Court takes the view that, having regard to the margin of appreciation enjoyed by the authorities in such matters, the decision of the Court of Appeal to order that the Maltese central authority make practical arrangements for the return of the child was based on relevant and sufficient grounds and that the interference with the applicants' right to respect for their family life, as guaranteed by Article 8 of the Convention and considered in the light of the Hague Convention, was proportionate to the legitimate aim pursued*

14. *Illi dan għalhekk immur kontra ta' dak li qiegħed jingħad mir-rikorrenti fir-rikors tagħha li r-ritorn ser jivvjola d-drittijiet tagħha u ta' ibinha taħt l-Artikolu 8. Hija l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li ftit tal-jiem ilu deċiediet dan. L-esponenti huma tal-umli fehma li garanzija aktar minn hekk ma jistax jintalab.*

15. *Illi di piu din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fid-decizjoni taghha fl-ismijiet premessi fit-28 ta' Lulju 2016 diga kellha l-opportunita tannalizza*

*jekk il-Qorti tal-Appell assikuratx il-garanziji li joħorġu mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u ezercitat il-gurisdizzjoni supervizorja. Il-Qorti ikkunsidrat is-segwenti f'liema konsiderazzjoni il-Qorti hadet konjizzjoni tad-deċiżjoni ta' Neulinger:*

*Fil-kaz in ezami, ir-rikorrenti ssejjes l-argumenti taghha fuq il-premessa li d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tifsser firda tal-minuri mill-omm. Il-provi kollha u l-hafna rapporti ta' esperti li tressqu kollha jissejsu fuq il-premessa li ritorn ifisser firda mill-omm. Fil-kaz in ezami, l-Qorti ma mponietx firda u xejn ma jostakola lill-omm milli takkompanja lil binha, anzi jidher li jkun ghaqli li taghmel hekk. Dan m'huwiex minnu. Id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tirrigwarda biss il-forum li ghandu jqis il-vertenza. Il-Qorti tal-Appell ma qiesitx minn miz-zewg genituri huwa l-aktar idoneju biex ikollu kura u kustodja tal-minuri. Ordnat biss li l-minuri jittiehed lura fir-residenza taghha abitwali tieghu minn fejn ittiehed.*

*[...]*

*Din il-Qorti tqis li m'ghandhiex ragun ghaliex fil-kaz odjern ma jezistux l-estremi tal-kaz Neulinger. Xejn ma jostakola lill-omm milli tirritorna ma' binha fl-Ingilterra. Il-minuri ghadu ta' età zghira bizzejjed li jaddatta f'pajjiz iehor, jekk indokrat minn min ihobbu u tassew jixtieqlu l-gid. L-omm tinsisti li l-minuri dara sewwa f'Ghawdex. Il-Qorti m'ghandhiex dubju ta' dan, u dan il-fatt stess ikompli jsahhilha l-fehma li l-minuri kapaci jaddatta. Anki fl-istess sentenza fuq citata ta' Neulinger, il-Qorti tirreferi u tenfasizza li ghandha tigi meqjusa l-kapacità tal-minuri li jaddatta. L-omm ma tistax issa tinqeda bir-rizultat tal-illegalità taghha biex tahrab mill-konsegwenzi legali ta' ghemilha.*

> *L-inkonvenjent ghaliha huwa biss effett tal-agir taghha li zzomm lill-minuri f'Ghawdex minghajr il-kunsens ta' missieru. Imma dan jibqa' ismu mieghu – inkonvenjent – xejn aktar. (ara f'dan is-sens K.J. vs Poland – 1 ta' Marzu 2016).*

*Illi l-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Marzu 2017 fid-deċiżjoni minn appell mis-sentenza surreferita osservat li:*

> *Jimplika wkoll li l-appellanti tqis bħala determinati u magħluqa l-kwestjonijiet tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin dwar il-forum xieraq biex iqis min għandu jingħata l-kura u kustodja tal-minuri binha u dik dwar min jistħoqqlu jingħata l-kura u/jew il-kustodja tal-istess minuri, meta dan mhuwiex il-każ. Il-Qorti żżid tgħid li l-proċedura tar-ritorn u s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell ma kinux jiddependu mid-determinazzjoni tal-kwestjoni tal-kura u l-kustodja tal-minuri. Fl-istħarriġ rispettiv li kellhom jagħmlu tal-materji rilevanti li tqiegħdu quddiemhom, la jdejn il-Qorti tal-Appell u lanqas dawk tal-ewwel Qorti fis-sentenza appellata ma kienu marbutin mad-determinazzjoni tal-kwestjoni tal-kura u l-kustodja tal-minuri.*

16. *Illi din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fis-sentenza moqrija fl-14 t'Awwissu 2012 fl-ismijiet* ***Michael Caruana vs Avukat Ġenerali et*** *għalmitna li 'Illi filwaqt li c-cirkostanzi tal-kaz odjern jaqghu fl-ambitu tad-dritt ghall-hajja privata u tal-familja, madankollu, l-ordni tar-ritorn tal-minuri taqa` taht il-gurisdizzjoni tal-Qrati tal-post li fih il-minuri ghandu l-habitual residence tieghu u dan ai termini tal-Konvenzjoni ta` l-Aja u tar-Regolament tal-Unjoni Ewropeja saret skont il-ligi, ghal ghan legittimu u hija necessarja f`socjeta` demokratika sabiex tissalvagwardja mhux biss l-interessi tal-left behind parent izda sahansitra aktar min hekk sabiex*

*tissalvagwardja l-interess tal-minuri li qieghed jigi mcahhad minn relazzjoni ma` ommu. F`materja ta` rimozzjoni jew ritenzjoni llecita ta` minuri, l-obbligi taht l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja jridu jigu interpretati u applikati fil-qafas ta` obbligi internazzjonali fir-rigward ta` child abduction li jinkludu obbligi u drittijiet stabbiliti fil-Konvenzjoni ta` l-Aja u anke taht il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal.'*

17. *Illi fi* **Maumousseau** *il-Qorti Ewropea ttraccat il-linja li t-tfal kellhom jigu protetti mit-trawma ta` removal jew retention billi jigi ristabbilit l-istatus quo ante biex kull kwistjoni dwar kura u kustodja tal-minuri tigi mistharrga mill-qorti tar-residenza ordinarja. Din l-osservazzjoni saret ukoll fil-kawża* **Sharon Rose Roche v. Malta** *ġia kwotata. Iddisposizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-Ajja għandhom jigu applikati u mhux jispiccaw minghajr l-ebda sinifikat reali kif qed tippretendi r-rikorrenti. Il-Qorti Ewropea insistiet illi l-eccezzjonijiet ghall-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni ta` l-Aja għandhom jinghataw interpretazzjoni stretta sabiex hadd ma jittenta jiehu rikonoxximent ghal stat ta` fatt illi jkun twieled minn att ta` illegalita`.*

18. *Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, din l-Onorabbli Qorti m'għandix tidħol fi kwistjonijiet ta' kura u kustodja. Ir-rikorrenti tipprova tpinġi lill-missier il-minuri f'dawl ikrah billi tgħid li 'għandu tifla li qatt m'għamel kuntatt magħha' u li lanqas ma wera interess fil-minuri. Fl-ewwel lok jingħad li l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 jipprovdi li 'Wara li jkunu rċevew l-avviż ta' rimozzjoni jew ritenzjoni illeċita ta' minuri għat-tenur tal-Artikolu 3, l-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi tal-Istat Kontraenti fejn ikun ittieħed jew inżamm il-minuri* ***m'għandhomx jiddeċiedu fuq il-mertu tad-drittijiet tal-kustodja qabel ma jiġi deċiż illi l-minuri m'għandux jiġi ritornat*** *taħt din il-Konvenzjoni jew kemm-il darba ma ssirx applikazzjoni skont din il-Konvenzjoni fi żmien raġonevoli minn*

*meta jkunu irċevew l-avviż.' Il-preambolu 17 tar-Regolament 2201/2003 jispjega li 'F'każijiet ta' tneħħija jew żamma nġusta ta' minuri, ir-ritorn ta' l-minuri għandu jinkiseb mingħajr dewmien, u għal dan il-għan għandha tkompli tapplika l-Konvenzjoni ta' l-Aja ta' l-25 ta' Ottubru 1980 kif kumplementata mid-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, u partikolarment l-Artikolu 11.' Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għal premess, hija r-rikorrenti stess li qed iċaħħad lill-missier milli juri interess fil-minuri billi qed iċaħħdu milli jkellem lill-ibnu u milli jeżerċita d-dritt tiegħu t'aċċess.*

19. *Illi ghar-rigward l-interess tal-minuri, il-Konvenzjoni nfisha tfittex li tipprotegi l-interess suprem tal-minuri (u mhux ta' xi ġenitur jew persuna oħra) billi tintenta tevita li l-minuri jigi mehud bil-forza jew bla awtorizzazzjoni gudizzjarja jew minghajr il-kunsens ta` xi wahda mill-genituri tieghu b`mod li l-istess minuri jigi impedut li jara jew ikollu access ghall-wiehed mill-genituri tieghu. Kwindi, l-interess suprem tal-minuri jiddetta li l-interessi tat-tfal ghandhom jigu ezaminati u salvagwardati fil-forum opportun, fejn il-minuri jkollu r-residenza abitwali tieghu, u mhux mill-Qorti tal-pajjiz fejn il-genitur jahrab bil-minuri. Dan huwa l-veru interess tal-minuri, u cioe`, li jkollu l-kaz tieghu trattat fl-ambjent li fih kien qed jghix. Xort`ohra jigri li tigi incentivata u ppremjata l-prepotenza u l-illegalitá u l-htif illegali tal-minuri u dan palesament imur kontra l-interess suprem tal-istess minuri.*

20. *Ir-ritorn immedjat tal-minuri lejn il-gurisdizzjoni abbitwali tieghu ssir bis-sahha ta` ligi li hi msejsa fuq il-htiega li jigu skuraggati abductions ta` minuri; zgur li mhux fl-interess tal-minuri li dawn jitnehhew bil-mohbi jew b`sotterfugju mill-pajjiz fejn ghandhom ir-residenza taghhom. Huwa anzi mehtieg f`socjeta` demokratika li dan l-abbuz jigi mwaqqaf, bil-genituri jigu*

*invitati jirrisolvu kwistjonijiet li jolqtu lil uliedhom b`mod pacifiku u/jew quddiem il-qrati li maghhom il-minuri ghandu l-akbar konnessjoni. Hu fl-interess tal-minuri li dan ma jintuzax bhala ballun bejn il-genituri, u jekk ikollu residenza f`pajjiz ma jitnehhiex minn hemm minn genitur wiehed li jkun jista` "jaghzel" il-gurisdizzjoni biex quddiemha jressaq il-kaz tieghu. Genitur ma ghandux jithalla "jaghzel" hu fejn tittiehed decizjoni li taffettwa l-interessi tal-minuri, izda dawn tal-ahhar ghandhom jigu mistharrga mill-qorti tar-residenza abitwali tieghu. Altrimenti r-rieda ta` min jahtaf l-ewwel taht idejh lill-minuri tipprevali fuq ir-rieda tas-saltna tad-dritt u dan certament iservi biss sabiex jinkoraggixxi l-htif ta` tfal minuri li certament b`ebda mod ma jista` jkun fl-ahjar interess taghhom.*

21. *Kull darba li r-rikorrenti tirrikorri ghal proceduri ġudizjarji sabiex twaqqaf ir-ritorn tal-minuri nonostante li hemm decizjoni finali tal-Qorti suprema ta' Malta, ir-rikorrenti tkun qed tmur proprju kontra dak li jistħoqq l-interess tal-minuri u tmur ukoll kontra l-obbligi internazzjonali assunti minn Malta u li jorbot lil Malta li tħarishom. Dawn l-obbligi qegħdin jiġu mitifsa kull darba li r-rikorrenti tibda proċeduri vessatorji.*

22. *Dan hu kaz car fejn l-omm holqot sitwazzjoni fejn zammet lill-minuri f'dawn il-gzejjer b'mod illegali billi ppreżentat diversi proċeduri inutli u issa qed tipprova tiggustifikaha f'dawn il-proceduri minghajr ma tat konsiderazzjoni ghal-fatt li l-agir taghha holoq inutilment sitwazzjoni li jista' jkollu impatt negattiv fuq it-tifel. Ma jistax ma jinghadx li l-omm kienet tkun mhux biss legalment korretta, izda kienet tkun verament thares l-interessi tat-tifel li kieku segwiet il-proceduri legali u talbet fil-qrati inglizi l-kura u kustodja tal-minuri, bil-fakolta` li tirriloka f'Ghawdex bit-tifel.*[10]

[10] Paragrafu 73 tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 t'Ottubru 2015 fl-ismijiet ***Direttur għad-Dipartiment għal Standards fil-Ħarsien Soċjali vs. Sharon Rose Roche*** (Rik Nru. 10/2015).

23. *Illi r-rikorrenti għal darb'oħra tirrikorri għar-rifuġju tar-rapporti tal-esperti. Ir-rikorrenti naqset isemmi izda li kemm il-Qorti tal-Appell kif ukoll il-Qorti f'sede Kostituzzjonali kellhom diġa l-opportunita li jagħrblu dak li ingħad mill-esperti. Ir-rikorrenti qiegħda tagħmel replika ta' proceduri li diga gew decizi mill-Qrati nostrana li huma res judicata. Ir-rikorrenti tinsisti li mir-rapporti intwergha li hemm l-estremi tal-Artikolu 13 (b) tal-Konvenzjoni tal-Ajja. Il-Qorti izda diga ddecidiet fuq dan il-punt u spjegat ghaliex ma qablitx mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti u dan għas-segwenti raġunijiet:*

  a. *'Il-Qorti [tal-Maġistrati] strahet unikament fuq il-konkluzjonijiet tal-esperti, kemm dawk ex parte, kif ukoll dik nominata mill-istess Qorti, meta mir-rapporti taghhom jirrizulta kristallin li huma trattaw l-inkarigu taghhom bhala wiehed li jiddetermina l-vertenza dwar il-kura u kustodja tal-minuri, mentri dak li kellu jigi determinat kien il-punt jekk ir-ritorn tat-tifel lejn l-Ingilterra bhala l-pajjiz fejn dan kellu r-residenza abitwali tieghu u minn fejn gie rimoss sabiex jinzamm Ghawdex jpoggix lit-tifel f'riskju gravi ta' hsara fizika jew psikologika jew f'sitwazzjoni intollerabbli.'*[11]
  b. *'l-esperti jistqarru li huma strahu fuq l-allegazzjonijiet maghumla mill-Omm fil-konfront tal-Missier li dan jabbuza mill-alkohol fuq bazi regolari, liema allegazzjoni kienet giet kategorikament michuda mill-Missier fix-xhieda moghtija minnu viva voce quddiem l-ewwel Qorti.'*[12]
  c. *'Mir-rapport ta' din l-espert u mix-xhieda moghtija minnha jirrizulta pacifiku li din ibbazat ir-rapport taghha fuq il-verzjoni*

[11] *Ibid* paragrafu 60.
[12] *Ibid* paragrafu 61.

*moghtija mill-Omm matul is-saghtejn li fiha l-espert kellmet lill-Omm u osservat il-komportament tat-tifel fid-dar tal-genituri tal-Omm'*[13] *mingħajr ma semgħet lill-missier u lanqas saret talba lill-Ewwel Qorti sabiex hi tkun tista' tisma' lill-missier u għalhekk ma semgħetx l-verżjoni tal-missier dwar il-ħajja tat-tifel fl-Ingilterra iżda straħet unikament fuq dak li ntqal lilha mill-omm mingħajr ma osservat jekk bejn it-tifel u l-missier u l-familja tiegħu kienx hemm rabta soda.*

24. *Illi r-rikorrent tallega wkoll li missier il-minuri għandu problemi ta' xorb. Bid-dovut rispett, din il-kwistjoni diġa ġiet trattat quddiem il-Qrati li kienu qegħdin jiddeċiedu fuq ir-ritorn. Il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha tat-30 t'Ottubru 2015 osservat li:*

*Mis-sentenza appellata jidher li sfortunatament l-ewwel Qorti bhall-esperti dahlet fil-meriti tal-kura u kustodja izjed milli tal-abduction. Dik il-Qorti, minkejja c-cahda tal-Missier, osservat li dan kien jabbuza mill-alcohol u tghid li "Yet the most worrying aspect of returning the child to live with the father concerns his alkohol abuse". Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm l-ewwel Qorti li semghet ix-xhieda viva voce kellha kull dritt li ma temminx lill-Missier fir-rigward u tistrih fuq l-allegazzjoni maghmula mill-Omm, dan il-fatt wahdu ma jwassalx ghall-konfigurazzjoni tal-estremi kontemplati fl-Artikolu 13[b], multo magis fid-dawl ta' dak li qalet l-istess espert gudizzjarju li l-Missier "is unlikely to intentionally attempt to harm [it-tifel]", li "there is not an acute concern about risk where Kayden is concerned with his father" u li "I am not suggesting in any way that he is a bad father". Dawn huma*

[13] *Ibid* paragrafu 63.

*kollha elementi ta' prova li jdghajjfu serjament il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti.*

25. *Illi r-rikorrenti tgħaddi sabiex tipprova tigbed is-simpatija meta tghid li hemm possibilita ta' passi kriminali kontra l-omm. Minn kliem ir-rikorrenti stess lanqas jinghad fic-cert li ser jittiehdu proceduri kriminali kontriha. Hawnek joqgħod perfettament dak li diġa ingħad u ċioe li wiehed irid jaghraf li l-jedd li jehtieg jithares mhux bizzejjed li jkun semplici diffikulta, disagju jew thassib (**L-Avukat Dottor John Ludvic Gauci noe vs Id-Direttur tal-Kuntratti** – Mandat numru 976/08JRM).*

26. *Illi iżda minghajr pregudizzju hija r-rikorrenti li ghandha tipprova li dawn il-proceduri kriminali verament ser jinbdew kontriha hekk kif tirritorna lura l-Ingilterra ma binha ghaliex s'issa kull ma inghad huma biss allegazzjonijiet. Dan maghdud, is-sentenza tar-ritorn tat-30 t'Ottubru 2015 ma obbligatx lill-omm tmur lura mal-minuri. Ġialadarba hemm appell mid-deċiżjoni ma jistax jingħad li r-rikorrent hija l-unika primary carer. Iż-żewġ ġenituri għandhom responsabbilta parentali konġunta taħt l-Artikolu 2 (1) tal-Children Act 1989 (leġislazzjoni fejn il-minuri għandu r-residenza abittwali u ċioe l-Ingilterra) jipprovdi where a child's father and mother were married to each other at the time of his birth, they shall each have parental responsibility for the child'. Iż-żewġ ġenituri huma għalhekk joint primary care-givers.*

27. *Illi finalment l-omm m'għandha l-ebda jedd iżżomm lill-minuri milli jirritorna lura l-Ingilterra u ssejjes l-istess fuq il-fatt li m'huwiex fl-interess tal-minuri. Bħal ma ġie osservat minn din l-Onorbabli Qorti fid-digriet tagħha tad-9 ta' Ġunju 2017 hemm 'konflitt bejn l-interess ta' l-omm il-minuri' u għalhekk din l-Onorabbli Qorti ordnat li 'l-kuraturi tal-minuri*

*jigu nominati mill-lista apposita tal-kuraturi'. B'dan għalhekk li r-rikorrenti Sharon Rose Roche m'għandha l-ebda jedd oġġettiv x'tikkawtela.*

28. *Illi in vista tas-suspoest l-esponenti huma għalhekk tal-umli fehma li l-ewwel r-rekwiżit mhuwiex sodisfatt u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni tal-mandat odjern.*

29. *Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, anke jekk dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara li r-rikorrent ghandha dritt prima facie x'tikkawtela, haga li l-esponenti ma jaqblux maghha, xorta wahda huwa evidenti li l-mandat m'huwiex mehtieg biex jithares dan il-jedd.*

30. *Illi kif diga' intqal, hawn qed jigi attakkat da parti tar-rikorrenti l-principju tal-finalita' tad-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell u cioe' dik marbuta mal-principju tar-res judicata. Illi huwa inawdit li procedura bhal dik odjerna tintuza sabiex twaqqaf dak li l-Qorti tal-Appell ordnat li jsir.*

31. *Illi fil-kawża fl-ismijiet* ***Raymond Cassar vs. L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar*** *deċiża fit-22 ta' Jannar 2014 mogħti mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) ikkunsidrat is-segwenti: Ġudikat finali tal-Qorti ma jistax jiġi injorat jew addirittura sfidat bl-operat ta' Qorti jew Tribunal Inferjuri fuq l-istess mertu bejn l-istess partijiet fuq l-istess vertenza. Kull ġudikant għandu dritt għall-opinjoni tiegħu dwar eżitu ta' vertenza u jista' josserva dwarha f'vertenza ohra u jghid ghalfejn ma jaqbilx ma gudikat precedenti [...] gudikat finali ta' Qorti ma jistax jiġi mittiefes jekk mhux b'dak li tippermetti l-liġi ċioe b'ritrattazzjoni minn xi parti interessata. F'dan il-kaz l-Awtorita ma attakkatx dan il-gudikat u ghalhekk illum hu res gudikata u jorbot lil kulhadd inkluz lit-Tribunal ta' Revizjoni, jaqbel jew ma jaqbilx mieghu. Wara kollox din hi s-saltna tad-dritt tradott fl-applikazzjoni*

*prattika tieghu. B'zieda ma dan, l-esponenti taghmel referenza wkoll għas-sentenza* **Dr. Graham Busuttil vs. L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** *deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fid-9 t'April 2014 għamlet is-segwenti osservazzjonijiet: Din il-Qorti tista' taqbel jew ma taqbilx mad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell kif del resto ghandu d-dritt it-Tribunal pero l-opinjoni tal-Qorti u tat-Tribunal huma irrelevanti kemm-il darba l-Qorti tal-Appell tkun tat sentenza li ghaddiet in gudikat u ghalhekk torbot mhux biss lil partijiet izda Qorti Inferjuri jew Tribunal quasi gudizjarju li huma mitluba fir-rigward tal-istess vertenza isegwi l-ordni/decizjoni mahruga mill-Qorti tal-Appell.*

32. *Illi skont il-gurisprudenza nostrana, il-htiega ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni tintrabat mal-fatt jekk il-hsara li minnha r-rikorrent tilmenta tistax tkun wahda li ma tistax tissewwa mod iehor. Dan jimplika li r-rikorrenti ggib prova li l-pregudizzju li ser issofri huwa wiehed li ma jistax jitranga u li ma jistax jigi evitat hlief bil-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni.*

33. *Illi dak li qed tillamenta minnhu r-rikorrenti jista jiġi faċilment rimedjat jekk l-omm tobdi l-ordni tal-Qorti u tħalli lill-minuri jmur lura l-Ingilterra, imbagħad ikun sta għall-Qrati Ingliżi u ċioe il-Qrati li għandhom ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedu kwistjonijiet ta' kura u kustodja. Din hija l-proċedura maħsuba taħt il-Konvenzjoni tal-Aja u tar-Regolament.*

34. *Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi wiehed ma jistax jipprospetta l-htiega ta' mandat ta' inibizzjoni biex jissalvagwardja dritt meta l-htiega li wiehed ikollu jitlob il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ma tezistix.*

35. *Ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 873 (3) tal-Kap. 12, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrent naqset milli tipprova r-rekwizit tal-proporzjon.*

36. *Dwar dan l-aspett tal-proporzjonalita', meta wiehed jizen il-pregudizzju jew hardship li tista' ggarrab ir-rikorrenti kemm-il darba l-minuri ma jigix ritornat kieku t-talba ghall-hrug tal-Mandat kellha tintlaqa, il-pregudizzju li ser isofri l-Istat ha jkun wisq akbar minn dak li potenzjalment tista' ggarrab ir-rikorrenti. Dan ghaliex huwa manifest li hawn si tratta ta' ezekuzzjoni ta' decizjoni li ghaddiet in gudikat kif ukoll li hemm ukoll l-obbligi internazzjonali assunti minn Malta li jorbtu lil Malta li tharishom sabiex teżegwixi sentenzi ta' ritorn ta' minuri ai termini tal-Konvenzjoni tal-Aja u tar-Regolament tal-Unjoni Ewropeja 2201/2003. Jekk dan il-mandat jigi milqugh dan ikun ifisser li l-Istat Malti jkun għal darb'oħra jikser l-obbligi internazzjonali tieghu.*

37. *Illi dan il-preġudizzju ġie fil-fatt ben notat minn din l-Onorabbli Qorti fid-digriet tagħha tal-21 ta' Mejju 2018:*

> *Din il-Qorti taghzel li taghmel din l-analogija ma gudizzju trattando l-istitut ta' ritrattazzjoni ukoll procedura eccezzjonali u straordinarja, ghaliex l-effett mitlub huwa simili ghal dak in kwistjoni. Oltre hekk ghalkemm is-sub inciz tlieta ta' l-artikolu 873 jitkellem fuq proporzjonalita' fil-pregudizzju, dak elenkat fl-appena citat huwa mfassal ghal kaz in kwistjoni. Aktar u aktar meta wiehed jiehu n konsiderazzjoni kemm fil-fatt ilha ghadejja din il-kwistjoni biex fattwalment il-minuri Kadem jigi ritornat lura kif gia ordnat; biss biss ir-rikorrenti omm irritornat lura lejn Malta u ghazlet li ma tergax tmur lura lejn l-Ingilterra gia mis-sena 2014. Illi ghalhekk hekk mqgheda fuq mizien ta' proporzjonalita' ic-cirkostanzi kollha esposti mill-partijiet u trattatati ghal darba tnejn mill-Qrati taghna, tqies li huma l-intimati li qeghdin l-aktar aggravati b'dak li okkorra s'issa.*

38. *F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk meta wiehed iqabbel il-pregudizzju li jista' jsoffri l-Gvern ma' dak li tista' ssoffri r-rikorrenti huwa bil-bosta evidenti li d-dannu li jista' jgarrab il-Gvern fl-eventwalita' li jinhareg il-Mandat ta' Inibizzjoni kif mitlub, huwa ferm akbar mid-dannu li jista' ssofri r-rikorrent li kieku dan il-mandat ma jinharigx.*

39. *Illi ghalhekk, ai termini tal-Artikolu 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex tohrog il-mandat in kwistjoni peress li ma jikkonkorrux l-elementi necessarji ghall-hrug ta' tali mandat.*

40. *Illi jsegwi ghalhekk li t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda stante li l-ligi tehtieg li r-rikorrenti turi tlett hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' tali mandat. L-ewwel haga li jrid juri hu li l-mandat huwa mehtieg biex jithares il-jedd pretiz mir-rikorrenti u t-tieni haga li r-rikorrenti jkun jidher li prima facie ghandha dak id-dritt u t-tielet element tal-proporzjonalita li r-rikorrenti ser tbgħati jekk ma jintlaqax il-mandat. Hemm it-tielet element ċioe li l-pregudizzju li tista tbagħti r-rikorrenti huwa ikbar minn dak tal-intimati. It-tlett elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi.*

41. *Illi fil-kaz odjern, jidher bl-aktar mod lampanti li r-rikorrenti ma ghandhiex prima facie d-drittijiet li qed tippretendi li ghandha u kieku kellha tali drittijiet il-mandat ta' inibizzjoni li qed titlob il-hrug tieghu fi kwalunkwe kaz ma kienx ikun mehtieg sabiex ir-rikorrenti thares id-drittijiet pretizi minnha. Ir-rikorrenti lanqas mhi qed tbagħti pregudizzju aktar mill-intimati.*

42. *Għal dawn ir-raġunijiet, l-esponenti jissottomettu li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti."*

Rat ir-risposta ta' Dean Micheal Roche[14] wara li giet trattata l-eċċezzjoni ta' l-intimati Direttur et. u cioe li dana kellu jigi kjamat in kawza.[15]

*"Illi qabel xejn jigi dikjarat li l-esponenti gie notifikat bir-rikors ghall-hrug ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni u tali risposta qeghda tigi prezentata wara li saret tali notifika.*

*Illi wkoll din ir-risposta qeghda tigi prezentata mill-esponenti* ***minghajr pregudizzju*** *ghall-posizzjoni tieghu dwar ir-ritorn tal-minuri lejn ir-Renju Unit u minghajr m'huwa qieghed jirrinunzja b'xi mod ghall-effett tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tat-tletin (30) ta' Ottubru 2015 li ordnat ir-ritorn tat-tifel lejn l-Ingilterra. Il-partecipazzjoni tieghu f'dawn il-proceduri hija intiza biss u limitatment biex jizgura li fl-ahhar mill-ahhar tali ordni moghtija mil-Qorti tal-Appell skont il-Konvenzjoni ta' De Hague u l-Brussels II tigi finalment esegwita u li ma jkunx hemm aktar tfixkil ghall-esekuzzjoni tal-istess;*

*Illi dan huwa r-raba' mandat ta' inibizzjoni li gie prezentat biex ir-rikorrenti tkompli izzomm l-esekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fit-tletin (30) ta' Ottubru 2015 Rikors Numru 10/2015PC fl-ismijiet Direttur tad-Dipartiment ghall-Istandards fil-Harsien Socjali vs Sharon Roche nee` Bellamy,*

---

[14] Fol 72.
[15] Ara l-ewwel eċċezzjoni ta' l-istess intimati msemmija a fol 20 ukoll il-verbal tal-Qorti a fol. 36

*liema sentenza giet validament moghtija u konfermata fl-appell u anke fi proceduri ta' ritrattazzjoni li saru mill-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Appell.*

*Jibda biex jigi senjalat li t-talba ghall-hrug ta' dan il-mandat hija wahda irrita u nulla stante li dan il-mandat huwa identiku ghall-mandat ta' inibizzjoni li gie michud fil-21 ta' Mejju 2018 (Mandat ta' Inibizzjoni Numru 477/2018) minn din il-Qorti kif preseduta. Huwa ben saput li ma jistax jerga' jkun hemm it-tieni mandat ta' inibizzjoni ghall-istess haga (f'dan il-kaz biex id-Direttur jinzamm milli jirritorna l-minuri skont ordni ta' Qorti Maltija validament moghtija), meta l-ewwel mandat li kellu sewwasew l-istess skop gie michud. Ir-rikorrenti hija ben konxja ta' dan u allura qeghda tipprova tpingi sitwazzjoni u tghid li kien hemm bdil fic-cirkostanzi li jiggustifikaw il-prezentata u l-hrug ta' dan it-tieni mandat. Bhala bazi principali ghall-hrug ta' dan il-mandat, ir-rikorrenti tallega li fil-frattemp gie revokat il-mandat ta' inibizzjoni numru 16/2017 MV u targumenta li din il-Qorti kif preseduta kienet cahdet l-ewwel mandat propju ghaliex kien hemm dan il-mandat in vigore. Allura c-cirkostanzi inbidlu.*

*Ir-rikorrenti assolutament mhux qeghda tkun korretta x'hin tghid li din il-Qorti cahdet il-mandat ta' inibizzjoni precedenti ghaliex kien hemm mandat iehor in vigore. Ghalkemm fil-kunsiderazzjonijiet taghha din il-Qorti, ghamlet riferenza ghal dan il-punt, kien hemm kunsiderazzjonijiet ohra li fuqhom din il-Qorti ibbazat is-savju gudizzju taghha. A skans ta' ripetizzjonijiet inutili l-esponenti jaghmel riferenza piena ghal dak rilevat minn din il-Qorti kif preseduta fid-digriet taghha tal-21 ta' Mejju 2018.*

*Jigi rilevat wkoll li dan il-mandat ta' inibizzjoni odjern gie` prezentat f'mument meta kien hemm in vigore interim measure mahruga mill-Qorti Ewropea tad-*

*Drittijiet tal-Bniedem li ordnat lid-Direttur intimat u allura lill-Istat Malti biex ir-ritorn tal-minuri ma jigix esegwit. Allura per se lanqas biss kien hemm il-htiega ghal dan il-mandat. Fil-fatt l-interim measure imbaghad giet estiza ghad-data tal-ghaxra (10) ta' Lulju 2018. Dan in vista tal-appuntament ta' dan il-mandat. Dan aktar u aktar jirrendi dan il-mandat wiehed superfluwu. Apparti minn hekk, il-mandat ma giex rikjest mill-Qorti Ewropea biex isir kif tipprova taghti l-impressjoni r-rikorrenti: il-Qorti Ewropea talbet biss informazzjoni dwar kienx hemm mandati mahruga in konnessjoni mar-rikors kostituzzjonali pendenti.*

*Ir-rikorrenti targumenta li jekk kellu jkun hemm ir-ritorn dan sejjer ikollu effett negattiv fuq il-minuri. Dan il-punt pero` gia gie kunsidrat fid-dettal mill-Qorti Ewropea stess, li hadet in* ***kunsiderazzjoni wkoll l-ahjar interess tal-minuri****. Id-decizjoni tal-Qorti Ewropea moghtija fit-tnax (12) ta' Gunju 2018 fl-ismijiet* ***Sharon Rose Roche v. Malta*** *(Appl Nru. 42825/17 u 66857/17) kienet wahda cara li ma thalli lok tal-ebda interpretazzjoni:*

*"Having examined the judgment of the Court of Appeal of 30 October 2015, the Court considers that the Constitutional Court made a proper assessment of the factors capable of constituting an exception to the child's immediate return and gave a reasoned decision in that respect. That judgment was in line with the ratio behind Hague Convention proceedings namely to restore the status quo ante and of leaving the issues of custody and parental authority to be determined by the courts that have jurisdiction in the place of the child's habitual residence in accordance with its Article 19. There were no exceptional reasons to decide otherwise. Indeed, the Court of Appeal made an in-depth examination of the entire family situation, took account of the best interest of*

*the child at the time and identified the failures which had occurred at first-instance. Thus, the Court considers that the Court of Appeal gave due consideration, within the scope of the Hague Convention proceedings, to the child's interests and carefully correlated them with other interests at stake. In these circumstances the Court takes the view that, having regard to the margin of appreciation enjoyed by the authorities in such matters, the decision of the Court of Appeal to order that the Maltese central authority make practical arrangements for the return of the child was based on relevant and sufficient grounds and that the interference with the applicants' right to respect for their family life, as guaranteed by Article 8 of the Convention and considered in the light of the Hague Convention, was proportionate to the legitimate aim pursued".*

*La darba hemm dikjarazzjoni bhal din tal-Qorti Ewropea, ma jaghmilx sens li l-affarijiet jkomplu jiggebbdu aktar. Il-kwistjoni hija biss li r-rikorrenti Sharon Rose Roche ma trid taccetta bl-ebda mod l-ordni tal-Qorti sabiex tirritorna lura lil binha fir-Renju Unit u qed tipprova tohloq l-ostakoli kollha immaginabbli taht kull kappa posibbli biex it-tifel minuri Kaden Mario Roche li hija zammet illegalment f'Ghawdex, jibqa' f'Ghawdex u jibqa' imcahhad minn kuntatt adegwat ma' missieru u mill-familja paterna tieghu inkluz iz-zewgt hutu l-bniet (half-sisters). Ghal darba ohra r-rikorrenti qeghda terga' taghmel tentattiv iehor biex b'dan il-mandat twaqqaf l-esekuzzjoni ta' gudikat, haga li ma tistax issir. Kif sewwasew irriteniet din il-Qorti fid-digriet taghha tal-21 ta' Mejju 2018:*

*"Da parti taghha din il-Qorti tmur oltre dan, hija ghandha certezza li dan ma jistax jsir. Apparti li taghmel taghha dak kollu citat mill-intimat Roche fir-*

*risposta tieghu fir-rigward, izid li kieku l-Qorti tasal biex taccetta t-talba tar-rikorrenti hi di mano propia tkun qeghda taqleb ta' taht fuq l-ordni guridiku kollu ta' pajjizna ghax taghti lok ghal kull abbuz possibbli ghal minn irid ixxekkel ghal kollox ezekuzzjoni ta' sentenza li ghaddiet in gudikat. Dan jista jgib mieghu tfixkil serju fil-sistema legali, jqarrab lejn anarkija kontrollata minn min ghandu aktar flus x'jonfoq biex jibqa jtawwal proceduri konkluzi, aktar dewmien u incertezzi legali biex ma nghidux ukoll li jkollu impatt mhux negligibbli fuq l-ekonmija u lat socali ta' kull pajjiz demokratiku. Il-gudikat huwa l-finalita' tal-kwistjoni hemm imressqa u ma jafx eccezzjonijiet hlief dawk strettament mahsuba mill-ligi bhal ma hija l-procedura ta' ritrattazzjoni gia fiha nnifsha wahda eccezzjonali u straordinarja. Taghmel referenza ghal dak li qalet il-Prim'awla tal-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali fir-rigward ta' gudikat meta kienet qed titratta ma talba ghal ghoti ta' provediment pendente lite a fini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta biex titwaqqaf il-mixi ta' procedura quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (smiegh u trattazzjoni) sakemm tinqata kawza mressqa mir-rikorrenti fil-konfront ta' indoli Kostituzzjonali rigward is-sentenza appellata; "Illi l-Qorti tqis li, ladarba hemm sentenza, din għandha l-effett li tistabilixxi fatt aċċertat għaliex ir-regola f'kull ordinament li jissejjes fuq is-saltna tad-dritt hi li sentenza "pro veritate habetur". Tqis ukoll li sentenza tista' titwaqqa' biss b'sentenza oħra u mhux b'allegazzjoni dwar is-siwi tagħha, u sakemm ma tingħatax sentenza bħal dik, is-sentenza tibqa' tgħodd;"*

*Huwa car li l-iskop tar-rikorrenti huwa li ittawwal dawn il-proceduri kemm jista' jkun. Dan hareg wkoll bl-aktar mod car fit-trattazzjoni li saret meta kien qieghed jigi trattat ir-rikors tar-revoka tal-mandat numru 16/2017. Il-legali tar-rikorrenti iddikjara minghajr tlaqlieq ta' xejn li:*

*"Jien ma naħsibx li hemm aktar xi ngħid. Il-kollega tiegħi qed tissugerixxi li ngħid ħaġa jekk ikun hemm element ġdid. Jekk kif qed tgħid hi, li l-ħaġa tirriżulta biex il-Qorti ġġiegħel lill-Qorti tirrevoka huwa li tneħħi l-preġudizzju. Issa l-preġudizzju mhux tneħħa minn dakinhar 'l hawn. Jekk it-tifel jiġi rritornat illum bil-mogħdija taż-żmien – u iva bil-mogħdija taż-żmien! –* ***m'għandna xejn x'naħbu, għax qed taħsbu li aħna qegħdin ninħbew wara xi kantuniera, aħna qed niddelegaw il-proċeduri għaliex aħna nemmnu, realment nemmnu u moralment nemmnu li s-sentenza tat-tletin ta' Ottubru hija ħażina, żbaljata, u se nużaw il-mezzi kollha legali, ma aħniex se nabbużaw, m'aħniex se niksru l-liġi, ovvjament, imma ħa nużaw, il-Qorti tal-Ewropa tlajna biha dik is-sentenza. Jiġifieri, u qed nistennew aktar żviluppi fuq x'se jiġri f'dan il-pajjiż, to see that all judicial remedies have been exhausted, u mbagħad jintervjenu. Imma issa xi darba se jintervjenu wkoll. Jiġifieri aħna l-mezzi kollha tagħna legali biex nirritardjaw l-effetti ta' dik is-sentenza qed nagħmluhom u qed nagħmluhom bid-dikjarar.*** *U għidtilhom il-bieraħ in-naħa l-oħra. Issa wara l-mandat ta' inibizzjoni imiss napplikaw għall-interim measures il-Qorti tal-Ewropa taħt l-artikolu 39 tal-Konvenzzjoni, biex il-Qorti tal-Ewropa tgħidlu Sur Gvern Malti, oqgħod hemm bħalissa. Dik is-sentenza tesegwihiex għax għandna każ delikat u qed nisimgħuh. Nieqaf hawn Sinjura Maġistrat."*[16] *(Enfazi tal-esponenti)*

*B'riferenza ghall-punti l-ohra sollevati mir-rikorrenti fir-rikors taghha, l-esponenti jissenjala s-segwenti:*

[16] Pagna 8 tat-trattazzjoni tal-legali tar-rikorrenti Dr Alfred Grech li saret fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 16/2017 fl-ismijiet *Sharon Rose Roche nee` Bellamy vs Direttur tad-Dipartiment ghall-Istandards* fis-19 ta' April 2018. Kopja shiha tat-traskrizzjoni hija annessa bhala Dokument A ma' din ir-risposta.

*(a) Fuq il-punt li t-tifel ilu f'Ghawdex ghal tul ta' zmien, jigi senjalat li kien propju ghad-dilungar tar-rikorrenti bl-intavolar ta' numru interminabbli ta' proceduri u mandate li r-ritorn ghadu ma giex esegwit. Mhux lecitu li l-omm tipprova tiehu vantagg minn sitwazzjoni li fl-ahhar mill-ahhar holqot hija stess;*

*(b) Fuq il-kwistjoni wkoll li t-tifel lahaq adatta Ghawdex, jigi senjalat li dan juri li t-tifel kapaci jadatta kullimkien. It-tifel ma kienx jirrisjedi Ghawdex b'mod permanenti meta ingab; kien jirrisjedi fir-Renju Unit. Inqala' mill-ambjent li kien fih b'mod illegali u ingab Ghawdex. Ir-Renju Unit mhux se jkun post gdid ghalih u se jerga' jmur lura ghall-post fejn kien stabbilit qabel;*

*(c) Bl-atteggjament taghha, ir-rikorrenti qeghda tipprova toqtol il-kuntatt ta' binha minuri ma' missieru. Bhalissa l-unika kuntatt li l-iben minuri ghandu ma' missieru huma hames (5) minuti skype fil-gimgha, kull nhar ta' Gimgha. Nhar il-Gimgha, propju ghaliex kien hemm seduta movimentata b'rabta ma' dan il-mandat ir-rikorrenti lanqas biss ghamlet l-arrangamenti biex il-missier jkun jista' jkellem lil ibnu. Il-missier kien online, ipprova jaghmel kuntatt mar-rikorrenti izda ma kien hemm l-ebda twegiba min-naha taghha u allura baqa' ma kellimx lil ibnu. It-tifel ghandu dritt jkollu kuntatt mal-missier daqs kemm ghandu dritt li jkollu kuntatt mal-omm. L-ahjar interess tat-tifel assolutament mhuwiex li huwa jibqa' imcahhad minn missieru u minn hutu l-bniet. Dan huwa dak li ilha tipprova taghmel ir-rikorrenti u dan billi tiehu vantagg ta' sitwazzjoni illegali li ikkreat hija stess;*

*(d) Il-psikologi li irredigew ir-rapporti ikkwotati hadd minnhom ma tkellem mal-missier, lanqas dawk li kienu nominati mill-Qorti stress. Dr Carly Aquilina, esperta nominata mill-Qorti u imbaghad imqabbda ex parte ma tkellmitx mal-missier fil-vesti taghha ta' esperta nominata mill-Qorti. Ippruvat taghmel kuntatt mal-missier meta kienet imqabbda ex parte. Dan wara li fit-*

*trattazzjoni tal-kaz tar-ritorn kienet ingibdet l-attenzjoni li fl-ebda hin ma kien inhass il-bzonn mill-esperti li jigi mitkellem il-missier. Ghalhekk assolutament wiehed ma jistax jislet konkluzjonijiet fuq ir-relazzjoni tal-missier ma' ibnu minuri abbazi ta' dawn ir-rapporti, meta il-verzjoni tal-missier ma ittehditx;*

*(e) Huwa minnu li hemm ordni provizorja ta' kura u kustodja tal-iben minuri lill-omm. Pero din qeghda tigi kontestata. Fl-atti tal-kawza tas-separazzjoni (Rikors Guramentat Numru 12/2015 Sharon Rose Roche vs Dean Michael Roche) l-missier ipprezenta xejn anqas minn zewg rikorsi fejn sostna li l-Qorti li kienet qeghda tisma' l-kaz ta' separazzjoni ma setghetx tiddeciedi fuq kura u kustodja minhabba l-kwistjoni tar-ritorn li kienet pendenti. Minkejja dan u minkejja li jezisti artikolu ad hoc fil-Hague Convention,*[17] *il-Qorti pero` xorta ipprocediet biex tiddeciedi fuq kura u kustodja. Min-naha tieghu l-missier appella mid-decizjoni moghtija fil-kawza tas-separazzjoni u wiehed mill-aggravji imressqa huwa propju fuq il-punt li l-Ewwel Qorti kienet prekluza milli tiddeciedi fuq il-kura u l-kustodja.*

*(f) L-omm qeghda tghid li hija tista' tigi arrestata jekk hija tmur lejn ir-Renju Unit. Madanakollu fiz-zmien li ilhom ghaddejjin dawn il-proceduri hija telghet kemm -il darba fir-Renju Unit, bl-ahhar darba tkun sewwasew ftit tal-granet ilu. Ir-Renju Unit mhuwiex fiz-zona Schengen u jezisti l-kontroll tal-passaporti mal-fruntiera. Allura l-awtoritajiet zgur li kienu jafu bil-presenza taghha fir-Renju Unit. Hija u marret u irritornat lura mir-Renju Unit minghajr l-ebda problema ta' xejn. Il-kwistjoni li qeghda tqajjem issa li jistghu jittiehdu proceduri kriminali kontra taghha hija biss skuza. Sa issa hija qatt ma bezghet tmur lura lejn ir-Renju Unit;*

[17] Ir-riferenza hija ghall-artikolu 16 tal-Hague Convention: *"After receiving notice of a wrongful removal or retention of a child in the sense of Article 3, the judicial or administrative authorities of the Contracting State to which the child has been removed or in which it has been retained* ***shall not decide on the merits of rights of custody until it has been determined that the child is not to be returned under this Convention*** *or unless an application under this Convention is not lodged within a reasonable time following receipt of the notice."*

*(g) Rigward jekk il-mandat ghandux jintlaqa' provizorjament jew le, il-legislatur ma imponiex li mandat ta' inibizzjoni ghandu dejjem jintlaqa' provizorjament. F'dan il-kaz il-Qorti dehrilha li dan ma kellux jigi milqugh provizorjament. Apparti minn hekk m'hemm l-ebda perikolu li t-tifel sejjer jigi ritornat lejn ir-Renju Unit ghax hemm in vigore interim measure mahruga mill-Qorti, Ewropea li propju qed izomm milli dan isehh;*

*(h) Dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrenti m'hija sejra issofri l-ebda pregudizzju stante li anke kieku kellu jigi esegwit ir-ritorn, xorta hija stess tista' taghmel proceduri quddiem il-Qrati Inglizi li jkunu jistghu jawtorizzawha – jekk tali talba tigi accettata mill-Qrati Inglizi – li hija tohrog lit-tifel mir-Renju Unit b'mod regolari u minghajr l-ebda ostakolu. Dan apparti l-fatt li m'hemm xejn xi izomm lir-rikorrenti li hija takkumpanja lil binha stess gewwa r-Renju Unit. Il-Qorti tal-Appell fl-ordni tar-ritorn fl-ebda hin ma imponiet li kellu jkun hemm firda bejn l-omm u binha;*

*Tenut kont ta' dak suespost, allura ma jirrizultawx ir-rekwiziti necessarji sabiex jinhareg il-mandat ta' inibizzjoni rikjest u tali talba ghall-hrug tal-mandat ghandha tigi michuda.*

*Daqstant ghandu x'jissottometti l-esponenti ghas-savju u superjuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti."*

Rat id-dokumenti kollha lilha esebiti. Ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda mismugħa fis-smiegħ ta' dan il-mandat.

Semgħet it-trattazzjonijiet.

**Ikkunsidrat.**

Illi fl-ewwel lok għandu jiġi rilevat kif *del resto* qalet l-istess Qorti li se tagħmel waqt is-smiegħ ta' dawn il-proċeduri, li in konsiderazzjoni ta' dawn ir-rikors din il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni ta' kull gudizzju u provvediment ġia mogħti u pronunzjat bejn dawn il-partijiet u l-provi mismugħa fl-istess dan biex ma jiġux ripetuti provi identiċi quddiemha.

Jiġi rilevat ukoll illi in kwantu dan il-mandat skont dak premess fir-rikors promotorju huwa instigat minn frazi li qalet din il-Qorti kif preseduta fil-konsiderazzjoni tad-digriet tagħha datat 21 ta' Mejju, 2018[18] ċioe li kien hemm ukoll vigenti mandat ta' inibizzjoni ieħor, li sussegwentement wara id-digriet tagħha msemmi tneħħa, illi f'dan id-digriet il-Qorti qegħda tieħu ukoll in konsiderazzjoni il-komunikazzjoni li waslet lilha *seduta stante* tramite l-Avukat Generali, mibghuta mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fejn l-istess intimat Avukat Generali ġie infurmat illi l-*Interim Measure* tat-28 ta' Gunju, 2018 ai termini tar-Regola 39 ta' l-istess Qorti msemmija ma kienetx se tiġi estiża. Tqies il-Qorti li dan għandu jiġi senjalat għaliex frankament altrimenti tistenna mandat ieħor ta' din in-natura minħabba din id-deċizzjoni li hadet il-Qorti barranija.

Jiġi preċiżat ukoll minn din il-Qorti li hi **tqies ċensurabbli** dak li ġie mistqarr fir-rikors in ezami fl-ewwel premessa tiegħu li kienet il-Qorti Ewropea li nstigat lir-rikorrenti, anzi ssuġerit li jsir dan il-mandat ta' Inibizzjoni. Hawn ma tistax ma taqbilx għal kollox ma dak li wieġbu fir-rigward l-intimati Direttur u l-Avukat Generali. L-interpretazzjoni ta' l-ittra datata 26 ta' Gunju, 2018,

[18] Numru 477/2018

mibgħuta mill-Qorti Ewropea esebita mar-rikors promotur[19], hija ċara u inekwivokabbli u ma tħalli ebda lok għal interpretazzjoni ohra, għalhekk dak mistqarr fir-rikors in ezami m'għandu ebda ħsieb ħlief wieħed intiż biex jisgwida lil din il-Qorti. Daqstant ieħor din il-Qorti ma apprezzatx il-fatt li ftit qabel ma sar dan l-istess mandat l-avukati tar-rikorrenti b'mod għal kollox insolitu avviċinaw lil Qorti u talbuha direzzjoni fuq id-diġriet tagħha għax skonthom minn "Strasburgu" ma kienux fehmu xi istanzi minnu!!!.

Magħdud dan il-Qorti tqies li għandhom isiru s-segwenti osservazzjonijiet;

a) Hawn si tratta ta' mandat ta' inibizzjoni suġġett għal proċedura gvernata minn regoli speċifiċi ai termini ta' l-artikoli 873 *et. seq* tal-Kap 12, <u>għalhekk xejn minn dak li jingħad u li jiġi hawn ikkunsidrat m'għandu jitqies jew b'xi mod jiġi meqjus li qieghed jinċidi, jiddetermina jew jiddeċidi l-mertu kostituzzjonali pendenti quddiem din il-Qorti kif preseduta</u>.
b) Aktar u aktar rilevanti huwa l-fatt illi jekk wieħed iħares lejn id-digiet ta' din il-Qorti tal-21 ta' Mejju, 2018, fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 477/2018 bejn l-istess partijiet, wieħed mall-ewwel jinduna illi l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti għaċ-ċaħda tal-mandat imsemmi marru oltre dak li għoġobha tislet minnu r-rikorrenti u ċioe li kien hemm mandat ta' l-istess natura ġia in vigore. Il-konsiderazzjoni ewlenija ta' din il-Qorti kif ben senjalata mill-intimati fir-risposta relattiva tagħhom, kienet li ma hux permessibbli mandat ta' inibizzjoni fil-konfront ta' ġudikat. Għalkemm il-Qorti qieset ukoll il-pregudizzju irrimedjabbli kif jinħtieġ f'dawn il-proċeduri, pero l-esistenza ta' mandat ieħor bih jew minghajru ma kienetx ħa xxejjen jew tbiddel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-gudikat. <u>**Oltre hekk filwaqt li zzomm ferm kull kunsiderazzjoni li għamlet fl-istess digriet**</u>, tqies lil fatt waħdu li

[19] Dok A folio 10

tneħħa mandat ta' inibizzjoni ma jbiddel xejn minn dak mitqal fid-digriet imsemmi fir-rigward tal-pregudizzju soffert. Dan hu ezami li sar *ad nauseum* minn Qrati Superjuri tagħna fid-deċizjonijiet preċedenti bejn il-partijiet u għalhekk din il-Qorti kif adita bi proċeduri li jippermettu ezami biss sal grad tal-*prima facie* qajla tista tmur oltre l-ezami ġust u approfondit li sar għal aktar minn darba mill-Qrati tagħna fil-vesti tagħhom ta' Qorti ta' Appell u dik u aktar Kostituzzjonali.

c) Tħoss pero l-Qorti li fir-rigward tar-rekwisit tal-pregudizzju rremidjabbli soffert ai termini ta' l-artikolu msemmi li huwa dovut minnha tagħmel ukoll is-segwenti konsiderazzjoni:- semgħet lir-rikorrenti Sharon Rose Bellamy Roche tixhed li b'mod kommoss resqet quddiem din il-Qorti l-lanjanzi tagħha fil-konfront ta' zewgha, qalet ukoll kemm hu sejjer tajjeb binha u kemm hu integrat mill-lat soċjali u edukattiv. Tqies pero l-Qorti li din ir-rikorrenti reggħet ġia kif kienet għamlet fil-mandat ta' inibizzjoni preċedenti lanqas hasset il-bżonn li tinkludi lil żewgha f'dawn il-proċeduri nonostante li dan huwa missier binha u li ċertament għandu l-versjoni tiegħu x'jressaq lil Qorti. L-esklussjoni tal-missier mill-proċeduri ukoll mill-ħajja ta' l-iben għandha tiġi kkunsidrat ukoll fil-kejl tal-pregudizzju rrimedjabbli li qiegħed isoffri l-istess minuri li ċertament ma għandu qatt u ma kellu qatt jispiċċa ballun bejn il-ġenituri tiegħu bil-posibbilta' kbira llum ta' influenza diretta ta' genitur wieħed, tant ukoll l-impatt fuq il-minuri in kwantu suggett għal ezamijiet psikologiki għall-iskop ta' kull proċedura mressqa. Bizżejjed wieħed ihares lejn l-ammont ta' rapporti esebiti f'dan ir-rigward.

d) Oltre dan il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-rikorrenti omm li kull pregudizzju minnha ilmentat llum ġie ikkagunat biss u unikament minn azzjonitha! Dan ir-ragunament huwa ukoll applikabbli għal l-ilment tagħha ta' possibilta' ta' azzjoni kriminali fil-konfront tagħha jekk tirritorna lejn l-Ingilterra, azzjoni li llum hemm dubbju kbir kemm hi reali

skont l-istess xhud minnha mressaq.[20] Kull ilment li hi tagħmel fil-konfront ta' zewgha għandu jkun suggett għal skrutinju gudizzjarju fil-**forum opportun** biex b'hekk jitressqu da parti taż-żewġ genituri l-provi kollha opportuni għal valutażżjoni tal-Qorti opportuna. Tqies fil-fatt li ma jezistix dak il-pregudizzju irriparabbli meħtieġ biex jiġi sostnut dan il-mandat.

e) Sar ukoll da parti tar-rikorrenti attakk kwazi sfrenat fuq dawk li huma l-proċeduri addottati u li se jiġu mplimentati mill-intimat Direttur darba li jiġi effettwat ir-ritorn tal-minuri[21]; attakk żejjed għax frankament il-protokol adottat miktub jew mhux qiegħed hemm u kif għandu jkun huwa flessibbli skont kull okkazzjoni speċifika u żgur hu maħsub li jassigura l-aħjar interess tal-minuri fl-adoperazzjoni tiegħu. Lanqas ma jirrizulta u qatt jista jkun li hemm xi ħsieb li tiġi eskluza l-omm meta jasal ir-ritorn tal-minuri kif suggerit mir-rikorrenti, dan sakemm da parti tagħha ma tagħtix lok għal dan.

f) Fl-aħħarnet il-Qorti ġiet mitluba tieħu in konsiderazzjoni dak li qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **L-Avukat Stephen Thake noe. vs Joseph Portelli** deċiza fl-4 ta' Novembru, 1994 li trattat l-interess suprem tal-minuri. Għal darb'oħra din il-Qorti hija kostretta tiġbed l-attenzjoni tar-rikorrenti li hawn hi mhux qegħda u lanqas ma tista titratta kwistjoni ta' kura u kustodja tal-minuri, kif kien il-kaz imsemmi. Oltre hekk tqies li dan il-gudizzju ċitat ma jinkwadra mkien ma dak li hu l-proporzzjoni ta' pregudizzju soffert kif ezaminat fid-digriet preċedenti taghħa tal-21 ta' Mejju, 2018 fil-konfront ta' l-istat Malti u l-obbligi internazzjonali tiegħu. F il-fatt l-istess deċizzjoni ma tinkwadrax il-

[20] Ara xhieda ta' Barrister Richard Lee mressaq mir-rikorrenti bħala espert fil-ligi ngliza.
[21] Ara xhieda ta' Carmen Buttigieg a fol 105 et. Seq.

konvenzzjoni Ajja, għalhekk l-obbligi internazzjonali assunti minn Malta lanqas il-Kap 410 tal-Ligijiet ta' Malta trattando l-istess[22].

**Konsegwentement fil-waqt li a  skans ta' ripetizzjoni <u>tagħmel ampja referenza għal dak minnha deċiz fid-digriet tagħha tal-21 ta' Mejju, 2018</u>, magħduda ma' l-istess  il-konsiderazzjonijiet kollha suesposti qegħda tiċħad it-talba in ezami bl-ispejjez kollha a karigu tar-rikorrenti**.

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**

[22] Att Dwar Is-Sekwestru u L-Kustodja ta' Minuri. Ta' 1 ta' Awwissu  2000